SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

22 ta' Novembru 2023 *

"Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni Bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (SRM) – Riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español – Deċiżjoni tas-SRB li tirrifjuta l-għoti ta' kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-krediturikkonċernati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni – Dritt għall-proprjetà – Dritt għal smigħ – Dritt għal rimedju effettiv – Valutazzjoni tad-differenza fit-trattament – Indipendenza tal-evalwatur"

Fil-Kawżi magħquda T-302/20, T-303/20 u T-307/20,

Antonio Del Valle Ruíz, residenti fi Mexico (il-Messiku), u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness [1], irrappreżentati minn B. Fernández García, J. Álvarez González u P. Rubio Escobar, avukati,

rikorrenti fil-kawża T-302/20,

sostnuti minn

Aeris Invest Sàrl, stabbilita fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), irrappreżentata minn R. Vallina Hoset u M. Varela Suárez, avukati,

intervenjenti fil-Kawża T-302/20,

José María Arias Mosquera, residenti fi Madrid (Spanja), u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness [2], irrappreżentati minn Fernández García, Álvarez González u Rubio Escobar,

rikorrenti fil-kawża T-303/20,

Calatrava Real State 2015, SL, stabbilita fi Madrid, irrappreżentata minn Fernández García, Álvarez González u Rubio Escobar,

rikorrenti fil-kawża T-307/20,

vs

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

[1] Il-lista tar-rikorrenti l-oħra hija annessa biss mal-verżjoni kkomunikata lill-partijiet.

[2] Il-lista tar-rikorrenti l-oħra hija annessa biss mal-verżjoni kkomunikata lill-partijiet.

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), irrappreżentat minn M. Fernández Rupérez, A. Lapresta Bienz, L. Forestier u J. Rius Riu, bħala aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann, F. Louis, V. Del Pozo Espinosa de los Monteros u L. Hesse, avukati,

konvenut,

sostnut minn

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn A. Gavela Llopis, bħala aġent,

intervenjent fil-Kawżi magħquda T-302/20, T-303/20 u T-307/20,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża),

komposta, waqt id-deliberazzjonijiet, minn M. van der Woude, President, G. De Baere (Relatur), G. Steinfatt, K. Kecsmár u S. Kingston, Imħallfin,

Reġistratur: P. Nuñez Ruiz, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-7 ta' Settembru 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikorsi tagħhom ibbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Antonio Del Valle Ruíz u 36 persuna fiżika jew ġuridika oħra li isimhom jidher fl-anness, José María Arias Mosquera u 28 persuna fiżika jew ġuridika oħra li isimhom jidher fl-anness kif ukoll Calatrava Real State 2015, SL, jitolbu l-annullament tad-Deċiżjoni SRB/EES/2020/52 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), tas-17 ta' Marzu 2020, intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jingħata kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-krediturikkonċernati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni implimentati fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti huma persuni fiżiċi u ġuridiċi li kienu azzjonisti ta' Banco Popular Español (iktar 'il quddiem "Banco Popular") qabel l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' din tal-aħħar.

3 Fis-7 ta' Ġunju 2017, is-sessjoni eżekuttiva tas-SRB adottat id-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08, dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' riżoluzzjoni"), abbażi tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

4 Qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, fit-23 ta' Mejju 2017, wara proċedura ta' sejħa għal offerti, is-SRB qabbad lill-uffiċċju Deloitte Réviseurs d'Entreprises bħala evalwatur (iktar 'il quddiem l-"uffiċċju evalwatur") fil-kuntest tal-preparazzjoni ta' eventwali riżoluzzjoni ta' Banco Popular. L-uffiċċju evalwatur ngħata kuntratt speċifiku wara sejħa għal offerti fil-kuntest ta' kuntratt qafas multiplu ta' servizzi li s-SRB kien iffirma ma' sitt uffiċċji, fosthom l-uffiċċju evalwatur. Konformement mal-kuntratt speċifiku, il-kompitu tal-uffiċċju evalwatur kien jinkludi t-twettiq ta' valutazzjoni ta' Banco Popular qabel riżoluzzjoni eventwali kif ukoll il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament prevista fl-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014, wara riżoluzzjoni potenzjali.

5 Fil-5 ta' Ġunju 2017, is-SRB adotta l-ewwel valutazzjoni, skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, li kellha bħala l-għan li tipprovdi l-elementi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet tal-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni, kif iddefiniti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

6 Fis-6 ta' Ġunju 2017, l-uffiċċju evalwatur bagħat lis-SRB it-tieni valutazzjoni (iktar 'il quddiem il-"valutazzjoni 2"), imfassla skont l-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014. Il-valutazzjoni 2 kellha l-għan li twettaq stima tal-valur tal-attiv u tal-passiv ta' Banco Popular, li tipprovdi stima dwar it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza, kif ukoll li tipprovdi l-elementi li jippermettu li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u t-titoli ta' proprjetà li għandhom jiġu ttrasferiti u li jippermettu lis-SRB li jiddetermina l-kundizzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju.

7 Fl-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB, peress li qies li l-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 kienu ssodisfatti, iddeċieda li jissuġġetta lil Banco Popular għal proċedura ta' riżoluzzjoni. Is-SRB iddeċieda li jiżvaluta u li jikkonverti l-istrumenti tal-kapital ta' Banco Popular skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 806/2014 u li japplika l-għodda tal-bejgħ ta' negozju skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 permezz tat-trasferiment tal-azzjonijiet lil xerrej.

8 Is-SRB iddeċieda li jikkanċella 100 % tal-azzjonijiet ta' Banco Popular, li jikkonverti u li jiżvaluta l-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti tal-kapital addizzjonali tal-kategorija 1 maħruġa minn Banco Popular u li jikkonverti l-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti tal-kapital tal-kategorija 2 maħruġa minn Banco Popular f'"azzjonijiet ġodda II". Wara proċess ta' bejgħ trasparenti u miftuħ imwettaq mill-awtorità ta' riżoluzzjoni Spanjola, il-Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria (FROB, Fond ta' Ristrutturazzjoni Ordnata tal-Istituzzjonijiet Bankarji, Spanja), l-"azzjonijiet ġodda II" ġew ittrasferiti lil Banco Santander SA, inkambju għall-ħlas ta' prezz tax-xiri ta' euro. Sussegwentement, Banco Santander issostitwixxiet lil Banco Popular b'mod universali fit-28 ta' Settembru 2018, fil-kuntest ta' amalgamazzjoni permezz ta' akkwist.

9 Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni (UE) 2017/1246 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31).

10 Fl-14 ta' Ġunju 2018, l-uffiċċju evalwatur ittrażmetta lis-SRB il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament, prevista fl-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014, imwettqa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku

Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza (iktar 'il quddiem il-"valutazzjoni 3"). Fil-31 ta' Lulju 2018, l-uffiċċju evalwatur bagħat addendum lis-SRB għal din il-valutazzjoni li tikkoreġi ċerti żbalji formali.

11 L-uffiċċju evalwatur qies, fil-valutazzjoni 3, it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-krediturі affettwati li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza fil-mument li fih ġiet adottata l-iskema ta' riżoluzzjoni. Huwa wettaq din l-evalwazzjoni fil-kuntest ta' xenarju ta' stralċ billi applika l-Ley 22/2003, Concursal, (il-Liġi 22/2003 dwar il-Falliment), tad-9 ta' Lulju 2003 (BOE Nru 164, tal-10 ta' Lulju 2003, p. 26905).

12 L-uffiċċju evalwatur indika li x-xenarju ta' stralċ ipotetiku kien ġie ppreparat abbażi tal-informazzjoni finanzjarja mhux awditjata tas-6 ta' Ġunju 2017 jew, meta din ma kinitx disponibbli, fuq dik tal-31 ta' Mejju 2017. Huwa qies li l-ftuħ ta' proċedura normali ta' insolvenza għal Banco Popular fis-7 ta' Ġunju 2017 kien iwassal għal stralċ mhux ippjanat. Sabiex jiġu evalwati l-valuri tal-likwidazzjoni tal-assi, l-uffiċċju evalwatur ħa inkunsiderazzjoni tliet xenarji temporali ta' stralċ alternattivi, ta' 18-il xahar, ta' 3 snin u ta' 7 snin, u kull wieħed minnhom kien jinkludi l-aħjar u l-agħar ipoteżi. Huwa kkonkluda li, f'kull waħda minn dawn l-ipoteżijiet, għall-azzjonisti affettwati u għall-krediturі subordinati, l-ebda rkupru ma kien ikun mistenni fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza u li għalhekk ma kienx hemm differenza fit-trattament meta mqabbla ma' dak li jirriżulta mill-miżura ta' riżoluzzjoni.

13 Fis-6 ta' Awwissu 2018, is-SRB ippubblika, fis-sit internet tiegħu, l-opinjoni tiegħu tat-2 ta' Awwissu 2018 dwar id-deċiżjoni preliminari tiegħu fir-rigward tan-neċessità li jingħata jew le kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-krediturі li kienu s-suġġett tal-miżuri ta' riżoluzzjoni li jirrigwardaw Banco Popular u t-tnedija tal-proċedura tad-dritt għal smigħ (SRB/EES/2018/132) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni preliminari"), kif ukoll verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 3. Fis-7 ta' Awwissu 2018, komunikazzjoni dwar l-opinjoni tas-SRB ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2018, C 227 I, p. 1).

14 Fid-deċiżjoni preliminari, is-SRB qies li mill-valutazzjoni 3 kien jirriżulta li ma kinitx teżisti differenza bejn it-trattament li kienu realment suġġetti għalih l-azzjonisti u l-krediturі affettwati minħabba r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular u dak li kienu jibbenefikaw minnu li kieku din tal-aħħar kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza fid-data tar-riżoluzzjoni. Is-SRB iddeċieda, preliminarjament, li ma kienx obbligat iħallas kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-krediturі affettwati skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014.

15 Sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni finali dwar il-ħtieġa jew le li l-azzjonisti u l-krediturі affettwati jingħataw kumpens għad-danni, is-SRB stedinhom jesprimu l-interess tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu fid-dawl tad-deċiżjoni preliminari, konformement mal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

16 Is-SRB indika li l-proċedura dwar id-dritt għal smigħ kienet ser tiżvolġi f'żewġ fażijiet.

17 Fl-ewwel fażi, il-fażi ta' reġistrazzjoni, l-azzjonisti u l-krediturі affettwati kienu mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jeżerċitaw id-dritt għal smigħ tagħhom permezz ta' formola ta' reġistrazzjoni online, sal-14 ta' Settembru 2018. Sussegwentement, is-SRB kellu jivverifika jekk kull parti li kienet immanifestat l-interess tagħha kellhiex effettivament l-istatus ta' azzjonist jew ta' kreditur

affettwat. L-azzjonisti u l-krediturі affettwati kkonċernati kellhom jipproduċu prova tal-identità tagħhom u prova li huma kellhom, fis-6 ta' Ġunju 2017, strumenti tal-kapital ta' Banco Popular li ġew żvalutati jew ikkonvertiti u ttrasferiti fil-kuntest tar-riżoluzzjoni.

18 Fit-tieni fażi, il-fażi ta' konsultazzjoni, l-azzjonisti u l-krediturі affettwati li kienu esprimew l-interess tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal smigħ matul l-ewwel fażi u li l-istatus tagħhom kien ġie vverifikat mis-SRB, setgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni preliminari li magħha kienet annessa l-valutazzjoni 3.

19 Fis-16 ta' Ottubru 2018, is-SRB ħabbar li l-azzjonisti u l-krediturі eliġibbli kienu ser jintalbu jippreżentaw il-kummenti bil-miktub tagħhom dwar id-deċiżjoni preliminari mis-6 ta' Novembru 2018. Fis-6 ta' Novembru 2018, is-SRB bagħat lill-azzjonisti u lill-krediturі eliġibbli link personali uniku li jagħti aċċess fuq l-internet għal formola li tippermettilhom jippreżentaw, sas-26 ta' Novembru 2018, kummenti dwar id-deċiżjoni preliminari kif ukoll dwar il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 3.

20 Fi tmiem il-fażi ta' konsultazzjoni, is-SRB eżamina l-kummenti rilevanti tal-azzjonisti u l-krediturі affettwati relatati mad-deċiżjoni preliminari. Huwa talab lill-uffiċċju evalwatur jipprovdilu dokument li jinkludi l-evalwazzjoni tiegħu tal-kummenti rilevanti dwar il-valutazzjoni 3 u jeżamina jekk il-valutazzjoni 3 kinitx għadha valida fid-dawl ta' dawn il-kummenti.

21 Fit-18 ta' Diċembru 2019, l-uffiċċju evalwatur ipprovda lis-SRB l-evalwazzjoni tiegħu intitolata "Dokument ta' Kjarifika Dwar il-Valutazzjoni tad-Differenza fit-Trattament" (iktar 'il quddiem id-"dokument ta' kjarifika"). Fid-dokument ta' kjarifika, l-uffiċċju evalwatur ikkonferma li l-istrateġija u x-xenarji differenti ta' stralċ ipotetiċi ddettaljati fil-valutazzjoni 3, kif ukoll il-metodoloġiji segwiti u l-analiżi mwettqa baqgħu validi.

22 Fis-17 ta' Marzu 2020, is-SRB adotta id-deċiżjoni kkontestata. Avviż dwar din id-deċiżjoni ġie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2020 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2020, C 91, p. 2).

23 Fid-deċiżjoni kkontestata, is-SRB qies li l-uffiċċju evalwatur kien indipendenti konformement mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u fil-Kapitolu IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075, tat-23 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti trid tivvaluta fir-rigward tal-pjanijiet ta' rkupru u l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp, ir-rekwiżiti għall-valutaturi indipendenti, ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u l-avviż tas-sospensjoni u l-funzjonament operattivi tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni (ĠU 2016, L 184, p. 1).

24 Taħt it-Titolu 5 "Valutazzjoni 3" tad-deċiżjoni kkontestata, is-SRB ġabar fil-qosor il-kontenut tal-valutazzjoni 3 u qies li din kienet konformi mal-qafas legali applikabbli u kienet suffiċjentement immotivata u kompleta sabiex tikkostitwixxi l-bażi ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014. Huwa qies li l-valutazzjoni 3 kienet tevalwa l-elementi neċessarji previsti fl-Artikolu 20(17) tar-Regolament Nru 806/2014 u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/344, tal-14 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġiji għall-valwazzjoni tad-differenza fit-trattament fir-riżoluzzjoni (ĠU 2018, L 67, p. 3).

25 Taħt it-Titolu 6 tad-deċiżjoni kkontestata, is-SRB ippreżenta l-"Kummenti Mibgħuta mill-Azzjonisti u mill-Krediturі Affettwati kif ukoll l-Evalwazzjoni Tagħhom". Taħt it-Titolu 6.1 "Evalwazzjoni tar-Rilevanza" tad-deċiżjoni kkontestata, is-SRB spjega li wħud minn dawn il-kummenti, li la kienu relatati mad-deċiżjoni preliminari tiegħu u lanqas mal-valutazzjoni 3, ma kinux rilevanti sa fejn ma kinux jaqgħu taħt il-proċedura dwar id-dritt għal smigħ. Taħt it-Titolu 6.2 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa wettaq "Eżami tal-Kummenti Rilevanti" mibgħuta mill-azzjonisti u mill-krediturі affettwati, dwar l-indipendenza tal-uffiċċju evalwatur u l-kontenut tal-valutazzjoni 3, miġbura skont is-suġġett.

26 Is-SRB ikkonkluda li mill-valutazzjoni 3, moqrija flimkien mad-dokument ta' kjarifika u l-konklużjonijiet stabbiliti taħt it-Titolu 6.2 tad-deċiżjoni kkontestata, jirriżulta li ma kienx hemm differenza bejn it-trattament li għalih kienu realment suġġetti l-azzjonisti u l-krediturі affettwati u dak li kienu jibbenefikaw minnu li kieku Banco Popular kienet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza fid-data tar-riżoluzzjoni.

27 Għaldaqstant, is-SRB iddeċieda:

"Artikolu 1

Valutazzjoni

Sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jingħata kumpens lill-azzjonisti u lill-krediturі affettwati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni mwettqa fir-rigward ta' Banco Popular […], il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament fil-kuntest tar-riżoluzzjoni, prevista fl-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014, hija stabbilita skont l-Anness I ta' din id-deċiżjoni, flimkien mad-dokument ta' kjarifika […] li jinsab fl-Anness II ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Kumpens għad-danni

L-azzjonisti u l-krediturі affettwati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni mwettqa fir-rigward ta' Banco Popular […] ma għandhomx dritt għal kumpens mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014.

Artikolu 3

Destinatarju tad-deċiżjoni

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-FROB, fil-kwalità tiegħu ta' awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 806/2014."

It-talbiet tal-partijiet

28 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lis-SRB u lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

29 Is-SRB jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

30 Fil-kawża T-302/20, l-intervenjenti, Aeris Invest Sàrl titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tilqa' r-rikors;

– tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż.

31 Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

32 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ, stabbilit mill-Artikolu 41(2) tal-Karta. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà stabbilit mill-Artikolu 17 u l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

33 Preliminarjament, hemm lok li jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza ddemarkat il-portata tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali kemm f'sitwazzjonijiet fejn l-att ikkontestat huwa bbażat fuq evalwazzjoni ta' fatti ta' natura xjentifika u teknika kumplessi ħafna kif ukoll f'każijiet ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi.

34 Minn naħa, fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li fihom l-awtoritajiet tal-Unjoni jiddisponu minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika kumplessa ħafna sabiex jistabbilixxu n-natura u l-portata tal-miżuri li huma jadottaw, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għal eżami dwar jekk l-eżerċizzju ta' tali setgħa huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk dawn l-awtoritajiet ikunux eċċedew b'mod manifest il-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom. F'kuntest bħal dan, il-qorti tal-Unjoni ma tistax fil-fatt tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika ma' dik tal-awtoritajiet tal-Unjoni li lilhom biss it-Trattat FUE ta dan il-kompitu (ara s-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2011, Etimine, C-15/10, EU:C:2011:504, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istħarriġ li l-qrati tal-Unjoni jeżerċitaw fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi mwettqa mill-awtoritajiet tal-Unjoni, dan huwa stħarriġ limitat li neċessarjament jillimita ruħu għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura u ta' motivazzjoni, tal-preċiżjoni materjali tal-fatti kif ukoll tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' użu ħażin ta' poter. Għaldaqstant, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qorti tal-Unjoni lanqas ma għandha tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tagħha għal dik tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni (ara s-sentenzi tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Scott, C-290/07 P, EU:C:2010:480, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 106 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Peress li d-deċiżjonijiet tas-SRB li huma intiżi li jiddeterminaw jekk kumpens għandux jingħata lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni mwettqa fil-konfront ta' entità huma bbażati fuq evalwazzjonijiet ekonomiċi u tekniċi kumplessi ħafna, għandu jitqies li l-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 35 u 36 iktar 'il fuq japplikaw għall-istħarriġ li l-qorti hija mitluba teżerċita.

37 Madankollu, għalkemm huwa rrikonoxxut li s-SRB għandu marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku u tekniku, dan ma jfissirx li l-qorti tal-Unjoni għandha tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, imwettqa mis-SRB, ta' data ta' natura ekonomika li sservi bħala bażi għad-deċiżjoni tiegħu. Fil-fatt, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, anki fil-każijiet ta' evalwazzjonijiet kumplessi, il-qorti tal-Unjoni mhux biss għandha tivverifika l-eżattezza materjali, l-affidabbiltà u l-konsistenza tal-provi invokati, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta' natura tali li jsostnu l-konklużjonijiet misluta (ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 2021, Autostrada Wielkopolska vs Il-Kummissjoni u Il-Polonja, C-933/19 P, EU:C:2021:905, punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Sabiex jiġi stabbilit li s-SRB wettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti ta' natura li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-provi prodotti mir-rikorrenti għandhom ikunu suffiċjenti sabiex l-evalwazzjonijiet tal-fatti li jkunu saru f'din id-deċiżjoni ma jitqisux li huma plawżibbli (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-7 ta' Mejju 2020, BTB Holding Investments u Duferco Participations Holding vs Il-Kummissjoni, C-148/19 P, EU:C:2020:354, punt 72, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Konsegwentement, motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta' żball manifest għandu jiġi miċħud jekk, minkejja l-elementi prodotti mir-rikorrent, l-evalwazzjoni kkontestata tista' titqies veraċi jew valida (ara s-sentenzi tas-27 ta' Settembru 2018, Spiegel-Verlag Rudolf Augstein u Sauga vs BĊE, T-116/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:614, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-25 ta' Novembru 2020, BMC vs Entreprise commune Clean Sky 2, T-71/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:567, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkollhom setgħa ta' evalwazzjoni, l-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi hija ta' importanza iktar fundamentali. Fost dawn il-garanziji mogħtija mid-dritt tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi hemm, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, li miegħu jintrabat

l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni. Fil-fatt, huwa biss b'dan il-mod li l-qorti tal-Unjoni tista' tivverifika jekk l-elementi ta' fatt u ta' dritt li minnhom jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni ġewx issodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14).

Fuq l-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014

41 Ir-rikorrenti jsostnu li l-perizja tagħhom annessa mar-rikorsi turi li l-valutazzjoni 3 hija bbażata fuq premessi ineżatti u tuża kriterji li ma humiex adattati għall-valutazzjoni ta' Banco Popular. Huma jindikaw li l-analiżi li tinsab f'dan ir-rapport tiġġustifika 19-il kritika fil-konfront tal-valutazzjoni 3 li huma stabbiliti fir-rikorsi.

42 Ir-rikorrenti jaffermaw li l-perizja annessa mar-rikorsi stabbilixxiet, billi hija bbażata fuq il-valutazzjoni tagħha stess, li l-kapital azzjonarju ta' Banco Popular kien jammonta għal madwar EUR 5 974 biljun fid-data tar-riżoluzzjoni u li għalhekk huma kienu bbenefikaw minn trattament aħjar fil-kuntest tal-proċedura normali ta' insolvenza milli fil-kuntest tar-riżoluzzjoni.

43 Is-SRB isostni li dan il-motiv huwa inammissibbli sa fejn ir-rikorrenti jsemmu 19-il żball li jinsabu fil-valutazzjoni 3, fil-forma ta' 19-il allegazzjoni ta' sentenza waħda, li jikkostitwixxu dikjarazzjonijiet ġenerali ħafna, li ma jiftehmux fihom infushom u jistgħu jinftiehmu biss abbażi tal-perizja annessa mar-rikorsi. Ir-rikorsi la jinkludu argumenti u lanqas fatti sottostanti insostenn ta' dawn id-dikjarazzjonijiet.

44 Skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u skont l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull rikors għandu jinkludi s-suġġett tal-kawża u l-espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati. Din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fuq ir-rikors, skont il-każ, mingħajr ebda informazzjoni oħra ta' sostenn.

45 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex rikors ikun ammissibbli, il-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat ir-rikors għandhom jirriżultaw, għall-inqas fil-qosor, iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu. Għalkemm it-test proprju tar-rikors jista' jiġi ssostanzjat u kkompletat, fir-rigward ta' punti speċifiċi, permezz ta' riferimenti għal siltiet speċifiċi ta' dokumenti li huma annessi miegħu, riferiment ġenerali għal dokumenti oħra, anki jekk dawn ikunu annessi mar-rikors, ma jistax jikkumpensa għall-assenza tal-punti essenzjali tal-argumentazzjoni legali, li, skont id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, għandhom ikunu inklużi fir-rikors. Barra minn hekk, ma għandhiex tkun il-Qorti Ġenerali li tfittex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li hija tista' tikkunsidra li huma l-bażi tar-rikors, peress li l-annessi għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali (ara s-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2022, WV vs SEAE, C-162/20 P, EU:C:2022:153, punti 68 u 70 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 299 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Għandu jiġi rrilevat li, fl-ewwel motiv, kif jirrileva s-SRB, ir-rikorrenti jifformulaw sempliċement 19-il dikjarazzjoni ġenerali ħafna dwar ċerti evalwazzjonijiet tal-uffiċċju evalwatur fil-valutazzjoni 3. L-ewwel sitt dikjarazzjonijiet jikkonċernaw ix-xenarju ta' stralċ ta' Banco Popular u l-oħrajn jirrigwardaw l-evalwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' assi mwettqa fil-valutazzjoni 3.

47 Ir-rikorrenti sempliċement jindikaw li dawn id-dikjarazzjonijiet huma ġġustifikati mill-analiżi li tinsab fil-perizja annessa mar-rikorsi. Għalhekk huma jirreferu b'mod globali għall-perizja annessa mar-rikorsi, li għandha 87 paġna u tinkludi 76 paġna ta' annessi u ma jagħmlu ebda riferiment għall-partijiet tal-perizja li fuqhom hija bbażata kull waħda minn dawn id-19-il dikjarazzjoni.

48 L-istess japplika għall-konklużjoni tar-rikorrenti li abbażi tagħha mill-perizja tagħhom jirriżulta li huma kienu jibbenefikaw minn trattament aħjar fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza milli fil-kuntest tar-riżoluzzjoni.

49 Issa, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 46 iktar 'il fuq, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tfittex f'din il-perizja l-elementi li jiġġustifikaw kull waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet. Għalhekk, għandu jiġi osservat li l-formulazzjoni ta' dan il-motiv ma tistax tippermetti lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, mingħajr informazzjoni oħra insostenn u jkun kuntrarju għall-funzjoni purament probatorja u strumentali tal-annessi li dawn iservu sabiex juru b'mod iddettaljat allegazzjoni magħmula b'mod mhux ċar u preċiż biżżejjed fir-rikorsi. Għaldaqstant, l-argument li jirreferi b'mod globali għall-perizja li tinsab fl-anness tar-rikorsi għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

50 Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma hijiex f'pożizzjoni, abbażi tal-kontenut tar-rikorsi, li tidentifika preċiżament l-argumenti li hija tista' tqis li huma l-bażi ta' dan il-motiv.

51 Minn dan isegwi li dan il-motiv huwa sempliċement espost mingħajr ma huwa sostnut minn argument, kuntrarjament għar-regola prevista fl-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, u li għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

52 Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li din il-konklużjoni ma tippreġudikax l-ammissibbiltà tal-perizja annessa mar-rikorsi u lanqas argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-motivi l-oħra li huma bbażati fuq din il-perizja u li huma ssostanzjati biżżejjed.

Fuq it-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014

53 Ir-rikorrenti jsostnu li s-SRB kiser żewġ kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014.

54 L-Artikolu 20(16) tar-Regolament (KE) Nru 806/2014 jipprovdi:

"Għall-finijiet li jiġi vvalutat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jieħdu trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza, il-Bord għandu jiżgura li tiġi mwettqa valwazzjoni minn persuna indipendenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun wara li jkunu daħlu fis-seħħ l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni."

55 Fl-ewwel parti, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma ddeterminatx jekk dawk li kienu l-azzjonisti ta' Banco Popular kinux jirċievu trattament aħjar fi proċedura ta' insolvenza normali, peress li l-proċedura normali ta' insolvenza ġiet imqabbla mal-istralċ. Fit-tieni parti, huma jsostnu li l-valutazzjoni 3 ma twettqitx minn persuna indipendenti.

Fuq l-ewwel parti, dwar id-determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali

56 Ir-rikorrenti jikkontestaw ix-xenarju kontrofattwali użat fil-valutazzjoni 3 sabiex jiġi stabbilit it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-krediturifettwati li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza, jiġifieri x-xenarju ta' stralċ. Permezz tal-ewwel ilment, huma jsostnu li l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħti prijorità lil soluzzjoni alternattiva għall-istralċ. Permezz tat-tieni lment, imqajjem sussidjarjament, huma jsostnu li, anki jekk jiġi preżunt li huwa applikabbli xenarju ta' stralċ, il-leġiżlazzjoni Spanjola ma timponix trasferiment tal-assi b'mod individwali jew permezz ta' portafolli.

– *Fuq l-ewwel ilment, intiż sabiex jikkontesta l-użu ta' xenarju ta' stralċ*

57 Ir-rikorrenti, sostnuti minn Aeris Invest, isostnu li s-SRB wettaq żball ta' liġi meta qies li t-trattament ipotetiku fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza kien jimplika t-teħid inkunsiderazzjoni ta' xenarju ta' stralċ. Huma jikkunsidraw li, skont il-leġiżlazzjoni Spanjola, l-arranġament huwa l-eżitu prijoritarju tal-proċedura ta' falliment.

58 Ir-rikorrenti jsostnu li l-arranġament huwa inkoraġġut, fil-leġiżlazzjoni Spanjola, minn sensiela ta' miżuri intiżi sabiex jiksbu s-sodisfazzjon tal-krediturifermezz tal-ftehim inkluż fi tranżazzjoni legali. Huma jqisu li s-SRB interpreta din il-leġiżlazzjoni bl-iktar mod favorevoli għall-interessi tiegħu stess peress li l-valutazzjoni ta' Banco Popular f'xenarju ta' stralċ hija inqas minn dik li kienet tinkiseb fil-kuntest ta' arranġament.

59 Fid-deċiżjoni kkontestata, is-SRB irrileva li, skont l-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni 3 kellha tiddetermina jekk l-azzjonisti u l-krediturifettwati kinux ittrattati b'mod agħar fil-kuntest tar-riżoluzzjoni milli kienu jiġu ttrattati li kieku Banco Popular kienet "ġiet stralċjata skont proċedimenti normali ta' insolvenza." Huwa rrileva, l-istess bħall-uffiċċju evalwatur fid-dokument ta' kjarifika (punt 5.1.5), li l-Ley 11/2015 de recuperación y resolución de entidades de crédito y empresas de servicios de inversión (il-Liġi 11/2015 dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u tal-Impriżi tas-Servizzi ta' Investiment), tat-18 ta' Ġunju 2015 (BOE Nru 146, tad-19 ta' Ġunju 2015, p. 50797) li tittrasponi d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190), tipprevedi speċifikament li l-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament għandha ssir billi jiġi preżunt li l-entità daħlet fi proċedura ta' stralċ.

60 Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 806/2014, għandu jitfakkar li l-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 20(16) ta' dan ir-regolament hija intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-krediturikinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza.

61 Skont l-Artikolu 20(17) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 16 ta' dan l-istess artikolu tistabbilixxi d-differenza fit-trattament bejn it-trattament reali li l-azzjonisti u l-krediturikienu suġġetti għalih fil-kuntest tar-riżoluzzjoni u t-trattament li kienu jibbenefikaw minnu li kieku l-entità kienet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-miżura ta' riżoluzzjoni.

62 Din il-valutazzjoni hija intiża sabiex timplimenta l-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar, stabbilit fl-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014 li jipprovdi li "l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf akbar milli kien iġarrab li kieku entità msemmija fl-Artikolu 2 tkun ġiet stralċjata skont proċedimenti normali ta' insolvenza skont is-salvagwardji previsti fl-Artikolu 29".

63 Skont dan il-prinċipju, l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014 jindika li s-SRB jista' juża l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) sabiex "jitħallas kumpens lill-azzjonisti jew lill-kredituri jekk, wara evalwazzjoni skont l-Artikolu 20(5) ikunu ġarrbu telf ikbar milli kieku kienu jġarrbu, wara valwazzjoni skont l-Artikolu 20(16), fi stralċ skont proċeduri normali ta' insolvenza".

64 Għalhekk, mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta b'mod ċar li r-riferiment, li jinsab fl-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014, għat-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri tal-entità li kieku din kienet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza jirreferi għat-trattament ipotetiku tagħhom fil-każ ta' stralċ tal-entità.

65 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat 2018/344, il-metodu għat-twettiq tal-valutazzjoni tat-trattament li kienu jibbenefikaw minnu l-azzjonisti u l-kredituri li fir-rigward tagħhom ġew eżegwiti miżuri ta' riżoluzzjoni, li kieku l-entità kienet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza fid-data tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, jikkonsisti biss fid-determinazzjoni tal-ammont aġġornat tal-flussi ta' flus mistennija fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza. Il-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu evalwati dawn il-flussi tal-flus, stabbiliti fl-Artikolu 4(4) u (5) tar-Regolament Delegat 2018/344, huma intiżi sabiex jiddeterminaw il-valur tal-assi, skont jekk humiex innegozjati jew le f'suq attiv, fil-kuntest ta' trasferiment ipotetiku. L-Artikolu 4(8) tar-Regolament Delegat 2018/344 jipprevedi wkoll li l-prodott ipotetiku li jirriżulta mill-valutazzjoni għandu jitqassam bejn l-azzjonisti u l-kredituri skont il-klassifikazzjoni ta' prijorità tagħhom fuq il-bażi tad-dritt applikabbli fil-qasam tal-insolvenza.

66 Minn dan jirriżulta li l-metodu ta' valutazzjoni tat-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza ipotetika stabbilita fir-Regolament Delegat 2018/344 jikkorrispondi għal-likwidazzjoni tal-assi tal-istituzzjoni u għalhekk għal stralċ kif iddefinit fil-punt 42 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

67 Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kumpens għad-danni tal-azzjonisti u tal-kredituri ta' entità suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni stabbilita bir-Regolament Nru 806/2014, il-premessa 62 ta' dan ir-regolament tindika:

"Interferenza mad-drittijiet tas-sjieda ma għandhiex tkun sproporzjonata. Bħala konsegwenza, l-azzjonisti u l-kredituri milquta ma għandhomx iġarrbu iktar telf minn dawk li kienu jġarrbu kieku l-entità ġiet stralċjata fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni. Fil-każ ta' trasferiment parzjali ta' assi ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil xerrej privat jew istituzzjoni tranżitorja, il-parti residwa tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għandha tiġi stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. Sabiex jiġu protetti l-azzjonisti u l-kredituri eżistenti tal-entità fil-proċeduri tal-istralċ, dawn għandhom ikunu intitolati jirċievu bi ħlas għall-pretensjonijiet tagħhom mhux inqas minn dak li huwa stmat li kienu jirkupraw kieku l-entità kollha ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza."

68 Skont l-Artikolu 20(18)(a) u (b) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament prevista fl-Artikolu 20(16) tal-istess regolament hija bbażata fuq il-preżunzjoni li istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha jkunu ġew eżegwiti miżuri ta' riżoluzzjoni waħda jew iktar kienet tkun suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-miżura ta' riżoluzzjoni kif ukoll fuq il-preżunzjoni li l-miżura jew il-miżuri ta' riżoluzzjoni ma ġewx eżegwiti.

69 Għandu jitfakkar ukoll li l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entità tippreżupponi li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 huma ssodisfatti, jiġifieri li l-entità qiegħda f'sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli, li ma jeżistux miżuri oħra ta' natura privata jew miżuri prudenzjali li jistgħu jipprekludu l-falliment tagħha f'terminu raġonevoli u li l-miżura ta' riżoluzzjoni hija neċessarja fl-interess pubbliku. Skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament Nru 806/2014 miżura ta' riżoluzzjoni għandha titqies li hija fl-interess pubbliku jekk tkun neċessarja għall-kisba, permezz ta' mezzi proporzjonati, ta' għan ta' riżoluzzjoni wieħed jew iktar, meta l-istralċ tal-entità skont proċedimenti normali ta' insolvenza ma jippermettix dan sal-istess punt.

70 Għalhekk, miżura ta' riżoluzzjoni tikkostitwixxi alternattiva għal-stralċ ta' entità meta dan ikun meħtieġ fl-interess pubbliku.

71 Skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014, intiż li jimplimenta l-prinċipju msemmi fl-Artikolu 15(1)(g) tal-istess regolament, l-azzjonisti u l-krediturі għandhom id-dritt, matul il-proċedura ta' riżoluzzjoni, għal rimbors jew għal kumpens tal-krediti tagħhom li ma jkunx inqas mill-istima ta' dak li kienu jirkupraw kieku l-istituzzjoni jew l-impriża kollha inkwistjoni kienet ġiet stralċjata fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, Banco Santander (Riżoluzzjoni bankarja Banco Popular), C-410/20, EU:C:2022:351, punt 48).

72 Minn dan isegwi li, sabiex tiġi stabbilita d-differenza fit-trattament, il-paragun jirrigwarda t-trattament reali li l-azzjonisti u l-krediturі affettwati kienu s-suġġett tiegħu minħabba r-riżoluzzjoni u l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom fil-każ li l-miżura ta' riżoluzzjoni ma kinitx ġiet adottata, jiġifieri fil-każ li l-entità kienet ġiet stralċjata.

73 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, il-paragun mat-trattament li kienu jibbenefikaw minnu l-azzjonisti u l-krediturі affettwati li kieku l-istituzzjoni kienet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza jirreferi għall-proċedura nazzjonali li għaliha l-istituzzjoni kienet tkun suġġetta li kieku ma kinitx is-suġġett ta' miżura ta' riżoluzzjoni.

74 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Delegat 2018/344 jindika:

"Il-valwatur għandu jqis dawn li ġejjin meta jiġi biex jiddetermina l-ammont skontat tal-flussi ta' flus mistennija skont proċeduri normali tal-insolvenza:

a) il-liġi u l-prattika applikabbli tal-insolvenza fil-ġurisdizzjoni rilevanti, li jistgħu jinfluwenzaw fatturi bħall-perjodu mistenni tad-disponiment jew ir-rati ta' rkupru;

[…]"

75 Għaldaqstant, Aeris Invest ma tistax validament issostni li d-dritt Spanjol ma kienx applikabbli fir-rigward tad-determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali għal Banco Popular.

76 Issa, kif jindika r-Renju ta' Spanja, il-leġiżlatur Spanjol, meta rregola l-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament, ma pprevediex ipoteżi oħra ħlief dik tal-istralċ skont il-proċedura normali ta' insolvenza.

77 F'dan ir-rigward, ir-Real Decreto 1012/2015 por el que se desarrolla la Ley 11/2015, y por el que se modifica el Real Decreto 2606/1996, de 20 de diciembre, sobre fondos de garantía de depósitos de entidades de crédito (id-Digriet Irjali 1012/2015 li jimplimenta l-Liġi 11/2015 u li jemenda d-Digriet Irjali 2606/1996, tal-20 ta' Diċembru 1996, dwar il-fondi ta' garanzija għal depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu), tas-6 ta' Novembru 2015 (BOE Nru 267, tas-7 ta' Novembru 2015, p. 105911), li jittrasponi d-Direttiva 2014/59, jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament.

78 L-Artikolu 10(2) tad-Digriet Irjali 1012/2015 jipprevedi li l-valutazzjoni għandha tiddetermina t-trattament li l-azzjonisti u l-krediturі kienu jirċievu li kieku l-entità li kienet is-suġġett ta' riżoluzzjoni kienet suġġetta għal proċedura ta' stralċ fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

79 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 10(3)(a) tad-Digriet Irjali 1012/2015 jindika li l-evalwazzjoni hija bbażata fuq il-preżunzjoni li l-entità li għaliha ġew applikati l-miżuri ta' riżoluzzjoni kienet ġiet stralċjata fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

80 Għalhekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament wara riżoluzzjoni deċiża mill-FROB, id-dritt Spanjol jipprevedi li x-xenarju kontrofattwali huwa xenarju ta' stralċ tal-entità li jieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Liġi 22/2003 dwar l-istralċ.

81 F'dan ir-rigward, kif jirrileva r-Renju ta' Spanja, il-kunċett ta' "stralċ", imsemmi fl-Artikoli 148 u 149 tal-Liġi 22/2003, jikkonsisti fil-likwidazzjoni tal-beni u tad-drittijiet tal-impriża falluta sabiex jiġu ssodisfatti l-krediturі b'dak li nkiseb u jikkorrispondi għad-definizzjoni li tinsab fil-punt 42 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

82 Barra minn hekk, l-Artikolu 100 tal-Liġi 22/2003 dwar l-arranġament huwa inkluż fit-Titolu V ta' din il-liġi intitolat "Dwar il-fażijiet ta' stralċ jew ta' arranġament". Minn dan jirriżulta li l-Liġi 22/2003, li hija l-Liġi Ġenerali dwar il-Falliment, tipprevedi li arranġament mal-krediturі jikkostitwixxi soluzzjoni alternattiva għall-istralċ fi tmiem il-fażi komuni tal-proċedura ta' falliment. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jammettu li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi 22/2003, l-arranġament u l-istralċ jikkostitwixxu żewġ soluzzjonijiet li jeskludu lil xulxin reċiprokament.

83 Għaldaqstant, id-Digriet Irjali 1012/2015, billi pprovda espressament li d-differenza fit-trattament għandha tiġi evalwata billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-ipoteżi li l-entità daħlet fil-fażi ta' stralċ, eskluda l-possibbiltà tal-applikazzjoni tas-soluzzjoni alternattiva li tikkonsisti f'arranġament mal-krediturі.

84 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Spanjola applikabbli jipprevedu li d-determinazzjoni tad-differenza fit-trattament għandha tkun ibbażata fuq xenarju ta' stralċ. Għaldaqstant, huwa żbaljat li r-rikorrenti u Aeris Invest isostnu li l-kuntest ġuridiku applikabbli kien jippermetti li jiġi kkunsidrat xenarju kontrofattwali li jieħu inkunsiderazzjoni soluzzjoni ta' arranġament mal-krediturі.

85 Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti u ta' Aeris Invest li s-soluzzjoni tal-arranġament mal-krediturі hija ffavorita fil-proċedura normali ta' insolvenza fi Spanja ma hijiex rilevanti.

86 Minn dan isegwi li r-rikorrenti u Aeris Invest isostnu b'mod żbaljat li s-SRB wettaq żball ta' liġi meta kkunsidra li t-trattament ipotetiku fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza kien jimplika t-teħid inkunsiderazzjoni ta' xenarju ta' stralċ.

87 Għalhekk, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

– Fuq it-tieni lment, intiż sabiex jikkontesta t-trasferiment tal-assi b'mod individwali jew permezz ta' portafolli

88 Ir-rikorrenti jsostnu li, anki jekk jitqies li kien neċessarju li jiġi previst xenarju ta' stralċ, is-SRB allegatament kiser il-leġiżlazzjoni applikabbli sa fejn l-applikazzjoni ta' proċedura ta' stralċ ma timplikax neċessarjament il-bejgħ tal-assi b'mod individwali jew permezz ta' portafolli, li huwa l-metodoloġija użata mill-uffiċċju ta' evalwazzjoni fil-valutazzjoni 3. Il-Liġi 22/2003 tagħti prijorità lill-preżervazzjoni u l-kontinwità tal-impriżi u għalhekk lit-trasferiment fl-intier tagħhom jew permezz ta' unitajiet ta' produzzjoni.

89 Ir-rikorrenti u Aeris Invest isostnu li Banco Popular seta' jkompli bl-attività tagħha, fid-dawl tal-pożizzjoni ta' likwidità tagħha u tal-fatt li l-awtorizzazzjoni bankarja tagħha ma kinitx ġiet irtiratilha.

90 Ir-rikorrenti jirreferu għall-perizja annessa mar-rikorsi, li abbażi tagħha r-riżultat tal-istralċ ta' Banco Popular permezz tal-bejgħ tal-istituzzjoni ta' kreditu fit-totalità tagħha jew permezz ta' unitajiet ta' produzzjoni kien iwassal sabiex il-kapital azzjonarju tagħha jkun ikbar minn dak li jinsab fil-valutazzjoni 3 u li minnu jirriżulta li huma kienu jibbenefikaw minn trattament aħjar fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza minn dak li kienu suġġetti għalih fil-kuntest tar-riżoluzzjoni.

91 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li, fil-każ li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma kinitx ġiet adottata, l-alternattiva kienet tkun tikkonsisti fl-istralċ ta' Banco Popular skont proċedura normali ta' insolvenza (sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 421).

92 F'dan ir-rigward, fid-deċiżjoni kkontestata, is-SRB irrileva li, konformement mal-valutazzjoni 3, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ u, b'mod partikolari, tal-inkapaċità ta' Banco Popular li tħallas id-djun tagħha mal-iskadenza tagħhom, il-ftuħ ta' proċedura normali ta' insolvenza fid-data tar-riżoluzzjoni kien iwassal għal stralċ ta' Banco Popular, li kien jinvolvi l-likwidazzjoni mħaffa tal-assi, mingħajr prezz minimu vinkolanti, u l-ħlas tal-likwidazzjoni netta lill-krediturі konformement mal-ġerarkija stabbilita mil-Liġi 22/2003.

93 Għandu jissemma wkoll li l-argument tar-rikorrenti li x-xenarju kontrofattwali għall-miżura ta' riżoluzzjoni ma kienx jimplika neċessarjament l-ipoteżi ta' stralċ ta' Banco Popular kien diġà tqajjem minn ċerti azzjonisti u krediturі affettwati fil-kuntest tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ.

94 Fid-deċiżjoni kkontestata, is-SRB irrileva li huma kienu allegaw jew li setgħet tinstab soluzzjoni li tirriżulta mis-settur privat jew li x-xenarju kontrofattwali kellu jibbaża ruħu fuq il-bejgħ ta' Banco Popular bħala impriża operattiva, peress li din kienet għadha attiva fis-suq fid-data tal-adozzjoni

tal-iskema ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari, is-SRB indika li ċerti azzjonisti u krediturі affettwati kienu qegħdin isostnu li l-krediturі setgħu jikkonkludu ftehim (arranġament) li kien jipprekludi l-istralċ ta' Banco Popular. Oħrajn kienu nnotaw li l-proċedura ta' insolvenza Spanjola kienet tipprevedi l-possibbiltà ta' insolvenza stabbilita minn qabel, li permezz tagħha l-assi vijabbli tal-entità huma separati u mibjugħa bħala impriża operattiva. Huma affermaw li din is-soluzzjoni kellha tiġi kkunsidrata mill-uffiċċju evalwatur, waqt id-definizzjoni tal-istrateġija ta' stralċ, peress li din kienet tippermetti li jiġi ppreżervat aħjar il-valur ta' franchise ta' Banco Popular.

95 Is-SRB irrileva li, bla ħsara għar-rekwiżiti previsti mir-Regolament Nru 806/2014 u mid-dritt nazzjonali applikabbli, l-uffiċċju evalwatur kien spjega, fid-dokument ta' kjarifika, ir-raġunijiet għalfejn ma kienx possibbli, fil-każ ta' Banco Popular, li jsir bejgħ bħala impriża operattiva (permezz ta' proċedura ta' insolvenza stabbilita minn qabel jew b'mod ieħor) u lanqas li jiġi organizzat arranġament mal-krediturі. F'dan ir-rigward, l-uffiċċju evalwatur kien indika, minn naħa, li, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni u tal-evalwazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar il-falliment attwali jew probabbli ta' Banco Popular, din tal-aħħar ma setgħetx tkompli topera waqt it-twettiq tan-negozjati, bir-riżultat ta' tnaqqis sinjifikattiv fil-valur. Is-SRB żied li ittra tad-Direttur Ġenerali ta' Banco Popular, tas-6 ta' Ġunju 2017, kienet tikkorrobora l-konklużjoni li s-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular ma kinitx tippermettilha tkompli bl-attivitajiet tagħha. Min-naħa l-oħra, l-uffiċċju evalwatur kien ikkunsidra li l-awtorizzazzjoni bankarja ta' Banco Popular kienet tkun ġiet irrevokata, sa fejn il-kundizzjonijiet għall-irtirar tagħha previsti mil-leġiżlazzjoni Spanjola kienu ġew issodisfatti. Huwa kien indika li l-liċenzja bankarja kienet neċessarja sabiex jiġu aċċettati d-depożiti tal-klijenti, li kienu essenzjali għat-tkomplija tal-operat ta' Banco Popular jew għall-bejgħ tagħha bħala impriża operattiva.

96 Is-SRB żied li l-uffiċċju evalwatur kien semma, fid-dokument ta' kjarifika, li l-ħolqien ta' "bank tajjeb" u ta' "bank ħażin" ma kienx previst mil-Liġi 22/2003 u li, fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni tagħha kienet teħtieġ żmien li ma kienx disponibbli.

97 Is-SRB ikkonkluda li l-uffiċċju evalwatur kien wettaq evalwazzjoni xierqa fir-rigward tax-xenarju ta' stralċ użat fil-valutazzjoni 3.

98 Ir-rikorrenti u Aeris Invest isostnu li x-xenarju kontrofattwali ta' stralċ kellu jkun ibbażat fuq l-ipoteżi li Banco Popular kienet f'pożizzjoni li tkompli bl-attivitajiet tagħha.

99 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 20(17) u (18) tar-Regolament Nru 806/2014, it-trattament li kienu jibbenefikaw minnu l-azzjonisti u l-krediturі affettwati li kieku Banco Popular kienet suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza għandu jiġi ddeterminat fil-mument tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

100 Għalhekk, ix-xenarju kontrofattwali ta' likwidazzjoni previst fil-valutazzjoni 3 kellu jiġi ddefinit fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni, jiġifieri sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli.

101 Fil-fatt, għandu jitfakkar li s-SRB qies, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 kienu ssodisfatti u li l-Kummissjoni, billi qieset l-iskema ta' riżoluzzjoni kienet konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014, approvata bid-Deċiżjoni 2017/1246. Għalhekk, fid-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, l-ewwel, Banco Popular kienet f'sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli, it-tieni, ma kinux

jeżistu miżuri oħra li setgħu jipprekludu l-falliment ta' Banco Popular f'terminu raġonevoli u, it-tielet, li miżura ta' riżoluzzjoni fil-forma ta' strument ta' bejgħ ta' negozju ta' Banco Popular kienet neċessarja fl-interess pubbliku.

102 Issa, għandu jiġi rrilevat li l-argumenti tar-rikorrenti u ta' Aeris Invest li abbażi tagħhom l-uffiċċju evalwatur kellu jipprevedi xenarju ta' stralċ li jieħu inkunsiderazzjoni l-ipoteżi li Banco Popular kienet f'pożizzjoni li tkompli bl-attivitajiet tagħha huma f'kontradizzjoni mal-elementi fattwali stabbiliti fid-data tar-riżoluzzjoni kif ukoll mad-deċiżjoni li Banco Popular tiġi suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni.

103 Fil-fatt, li jitqies li Banco Popular kienet f'pożizzjoni li tkompli bl-attivitajiet tagħha fid-data tar-riżoluzzjoni jkollu l-konsegwenza li jikkontesta l-fatt li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 kienu ssodisfatti fid-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni u, għaldaqstant, ikun jammonta għal kontestazzjoni tal-legalità tagħha. Issa, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma hijiex is-suġġett ta' dan ir-rikors.

104 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu b'mod validu li s-SRB wettaq żball manifest meta approva l-evalwazzjoni tal-uffiċċju evalwatur li tipprovdi li, fid-data tar-riżoluzzjoni, peress li Banco Popular ma kinitx f'pożizzjoni li tkompli bl-operat tagħha, xenarju kontrofattwali ta' impriża operattiva ma kienx possibbli.

105 Fi kwalunkwe każ, l-argumenti tar-rikorrenti u ta' Aeris Invest intiżi sabiex jiġi stabbilit li Banco Popular setgħet tkompli bl-attivitajiet tagħha fid-data tar-riżoluzzjoni, fid-dawl tal-pożizzjoni tagħha ta' likwidità u tal-fatt li l-awtorizzazzjoni bankarja tagħha ma kinitx ġiet irtirata lilha, ma jistgħux jiġu sostnuti.

106 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti u Aeris Invest isostnu li Banco Popular setgħet tkompli bl-attività tagħha fid-dawl tal-pożizzjoni tagħha ta' likwidità.

107 F'dan ir-rigward, l-ewwel, Aeris Invest issostni li s-SRB kiser l-obbligu tiegħu li jeżamina l-informazzjoni disponibbli fuq il-kontribuzzjoni urġenti ta' likwidità li kienet ġiet awtorizzata mill-BĊE u li kienet tippermetti lil Banco Popular ikollha likwidità suffiċjenti.

108 Għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 20(18) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni 3, sabiex jiġi stabbilit ix-xenarju kontrofattwali, hija bbażata fuq l-ipoteżi li Banco Popular kienet tkun suġġett għal proċedura normali ta' insolvenza fil-mument li fih l-iskema ta' riżoluzzjoni ġiet adottata u li l-miżura ta' riżoluzzjoni ma ġietx eżegwita u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjoni eventwali ta' sostenn finanzjarju pubbliku eċċezzjonali.

109 Issa, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fid-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni urġenti ta' likwidità awtorizzata mill-BĊE, imsemmija minn Aeris Invest, ma kinitx ingħatat lil Banco Popular mill-Bank ta' Spanja. Għaldaqstant, din il-kontribuzzjoni urġenti ta' likwidità ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni fil-valutazzjoni 3 sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni ta' Banco Popular fil-każ li din kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza f'din l-istess data.

110 It-tieni, ir-rikorrenti u Aeris Invest iqisu li s-SRB, sabiex isostni li Banco Popular ma setgħetx tkompli bl-attività tagħha, ibbaża ruħu b'mod żbaljat fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli ta' Banco Popular imwettqa mill-BĊE, sa fejn din l-evalwazzjoni ma kellhiex effetti vinkolanti u sa fejn hija ma kinitx tipprevedi li Banco Popular kellha twaqqaf l-attività tagħha.

111 Għandu jitfakkar li, fis-6 ta' Ġunju 2017, jiġifieri lejlet l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-BĊE adotta l-evalwazzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli ta' Banco Popular. F'din l-evalwazzjoni, il-BĊE, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-ħruġ eċċessiv ta' depożiti, il-ħeffa li biha l-bank kien tilef il-likwidità u l-inkapaċità tiegħu li jiġġenera likwiditajiet oħrajn, qies li kienu jeżistu elementi oġġettivi li jindikaw li Banco Popular probabbilment ma kinitx ser tkun f'pożizzjoni, fil-futur qarib, li tħallas id-djun tagħha jew l-impenji l-oħra tagħha meta dawn isiru dovuti. Il-BĊE kkonkluda li l-falliment ta' Banco Popular kien meqjus li seħħ jew, fi kwalunkwe każ, li kien probabbli fil-futur qarib, b'mod konformi mal-Artikolu 18(1)(a) u (4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.

112 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-konstatazzjoni tas-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli ta' Banco Popular imwettqa mill-BĊE tikkostitwixxi element fattwali li l-uffiċċju evalwatur u s-SRB setgħu jieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni. Barra minn hekk, kif indika l-uffiċċju evalwatur fil-valutazzjoni 3, din il-konstatazzjoni kienet barra minn hekk ġiet ikkonfermata mill-Bord tad-Diretturi ta' Banco Popular li, fis-6 ta' Ġunju 2017, informa lill-BĊE li kien wasal għall-konklużjoni li l-bank kien f'sitwazzjoni ta' falliment probabbli.

113 Fl-aħħar nett, la l-uffiċċju evalwatur u lanqas is-SRB ma ddikjaraw li l-evalwazzjoni tal-BĊE kienet tobbliga lil Banco Popular ittemm l-attività tagħha.

114 It-tielet, Aeris Invest issostni li l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular ma kinitx tali li kienet twassal għal stralċ sa fejn ebda fajl ta' investigazzjoni ma nfetaħ minħabba nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti prudenzjali.

115 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jitfakkar li, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB kien ikkonstata li, fit-12 ta' Mejju 2017, ir-rekwiżit ta' kopertura tal-ħtiġijiet ta' likwidità (Liquidity Coverage Requement, LCR) ta' Banco Popular kien niżel taħt il-livell minimu ta' 80 % stabbilit mill-Artikolu 460(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6, fil-ĠU 2017, L 20, p. 2 u fil-ĠU 2023, L 92, p. 29). Issa, Aeris Invest ma tikkontestax dan il-fatt.

116 Min-naħa l-oħra, il-konstatazzjoni li Banco Popular, fid-dawl tal-pożizzjoni ta' likwidità tagħha u tal-fatt li hija ma setgħetx tlaħħaq mal-impenji tagħha meta jsiru dovuti, ma baqgħetx f'pożizzjoni li tkompli bl-attivitajiet tagħha fid-data tar-riżoluzzjoni, ma kinitx teħtieġ li jiġu adottati miżuri konkreti mill-awtoritajiet nazzjonali għal nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti ta' kopertura tal-bżonnijiet ta' likwidità.

117 Għaldaqstant, dan l-argument huwa ineffettiv.

118 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti u Aeris Invest jaffermaw li l-awtorizzazzjoni bankarja ta' Banco Popular ma ġietx irtirata.

119 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-uffiċċju evalwatur, fil-valutazzjoni 3 u fid-dokument ta' kjarifika, indika li l-awtorizzazzjoni bankarja ta' Banco Popular kienet ġiet irrevokata skont l-Artikolu 8 tal-Ley 10/2014 de ordenación, supervisión y solvencia de entidades de crédito (il-Liġi 10/2014 dwar l-Organizzazzjoni, is-Sorveljanza u s-Solvenza tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu), tas-26 ta' Ġunju 2014 (BOE Nru 156, tas-27 ta' Ġunju 2014, p. 49412). Din id-dispożizzjoni tipprevedi, b'mod partikolari, fost il-każijiet li fihom l-awtorizzazzjoni mogħtija lil istituzzjoni ta' kreditu tista' tiġi rtirata, l-ewwel, il-fatt li din tal-aħħar tikkomprommetti l-kapaċità li tirrimborsa l-fondi fdati lilha mid-depożitanti jew ma tipprovdix il-garanzija li hija tista' tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-kredituri u, it-tieni, il-fatt li ttieħdet deċiżjoni ġudizzjarja sabiex tinfetaħ il-fażi ta' stralċ tal-proċedura ta' insolvenza. L-uffiċċju evalwatur indika li, anki fil-każ improbabbli li l-Bank ta' Spanja ma kien ikun adotta l-ebda miżura sabiex jirtira l-awtorizzazzjoni bankarja ta' Banco Popular, ir-riskju ta' telf tad-depożiti u deċiżjoni tas-SRB li ma japplikax is-setgħat ta' riżoluzzjoni tiegħu kienu jġiegħlu lid-diretturi tiegħu jressqu talba għal stralċ li kienet twassal għal tali rtirar.

120 Huwa biżżejjed li jitfakkar li, fid-data tar-riżoluzzjoni, kemm il-BĊE kif ukoll il-Bord tad-Diretturi ta' Banco Popular kienu qiesu li din tal-aħħar kienet f'sitwazzjoni ta' falliment li attwali jew probabbli, li, skont l-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014, kien jimplika li Banco Popular ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha jew impenji oħra meta jsiru dovuti, jew li kienu jeżistu elementi oġġettivi li jippermettu li jiġi konkluż li dan kien ser iseħħ fil-futur qarib.

121 Ir-rikorrenti sempliċement jaffermaw li s-sitwazzjoni ta' Banco Popular kienet tippermettilha tlaħħaq mal-ħlas tad-djun tagħha, mingħajr ma jipproduċu ebda prova insostenn ta' din l-affermazzjoni. Barra minn hekk, għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 110 iktar 'il fuq, Aeris Invest ma tistax tibbaża ruħha fuq il-kontribuzzjoni urġenti ta' likwidità awtorizzata mill-BĊE sabiex issostni li Banco Popular setgħet tlaħħaq mal-impenji tagħha.

122 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti u Aeris Invest ma jistgħux isostnu b'mod validu li s-sitwazzjoni ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni ma kinitx tikkorrispondi għall-ewwel każ previst mill-Artikolu 8 tal-Liġi 10/2014, imsemmi fil-punt 120 iktar 'il fuq, u li s-SRB wettaq żball manifest meta qies li l-awtorizzazzjoni bankarja ta' Banco Popular kienet ser tiġi rtirata lilha.

123 Għaldaqstant, għandu wkoll jiġi miċħud bħala ineffettiv l-argument ta' Aeris Invest li, peress li Banco Popular ma daħalx f'fażi ta' stralċ skont id-dritt Spanjol, is-sitwazzjoni tagħha ma kinitx tikkorrispondi għat-tieni każ previst fl-Artikolu 8 tal-Liġi 10/2014 dwar il-ftuħ ta' fażi ta' stralċ.

124 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma jistgħux jaffermaw li l-uffiċċju evalwatur kellu jwettaq valutazzjoni ta' Banco Popular billi jipprevedi l-bejgħ tal-istituzzjoni ta' kreditu fit-totalità tagħha jew permezz ta' unitajiet ta' produzzjoni, li jimplika tkomplija tal-attivitajiet tal-impriża.

125 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma stabbilixxewx li l-uffiċċju evalwatur wettaq żball meta uża metodoloġija bbażata fuq xenarju ta' stralċ u fuq il-bejgħ tal-assi b'mod individwali jew permezz ta' portafolli.

126 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li strateġija "bank tajjeb/bank ħażin" kienet awtorizzata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u li, skont il-perizja annessa mar-rikorsi, din kienet l-aħjar strateġija għall-applikazzjoni tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar. Huma jindikaw li, f'din il-perizja, l-espert tagħhom ippreveda stralċ tal-bank permezz ta' unitajiet ta' produzzjoni, abbażi ta' xenarju simili għal separazzjoni tal-assi permezz tal-ħolqien ta' żewġ kumpanniji ġodda, jiġifieri kumpannija li lilha tiġi ttrasferita l-attività prinċipali

bl-awtorizzazzjoni bankarja u kumpannija ta' ġestjoni tal-assi li lilha jiġu ttrasferiti l-assi mhux produttivi. L-istralċ tal-kumpannija permezz ta' unitajiet ta' produzzjoni jimplika li dan isir bħala bejgħ ta' impriża operattiva, bit-trasferiment tal-awtorizzazzjoni bankarja li, skont il-perizja, ma għandhiex tiġi rtirata u għalhekk tippermetti perijodu ta' stralċ iqsar u għalhekk tnaqqis tal-ispejjeż.

127 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-argument kif ukoll il-perizja annessa mar-rikorsi sa fejn din tinkludi valutazzjoni ta' Banco Popular bħala impriża operattiva ma huwiex rilevanti sa fejn huwa bbażat fuq l-ipoteżi żbaljata li Banco Popular setgħet tkompli bl-attivitajiet tagħha.

128 Fi kwalunkwe każ, il-fatt li r-riżultat tal-istima tal-valur tal-assi ta' Banco Popular fil-każ ta' proċedura normali ta' insolvenza ipotetika li tinsab fil-perizja tar-rikorrenti ma jaqbilx mal-evalwazzjonijiet li jinsabu fil-valutazzjoni 3, ħlief f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti jallegaw li dawn l-evalwazzjonijiet ma humiex plawżibbli, jikkostitwixxi kontestazzjoni li tmur lil hinn mill-istħarriġ ristrett tal-Qorti Ġenerali previst fil-ġurisprudenza msemmija fil-punti 35 u 36 iktar 'il fuq (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, BMC vs Entreprise commune Clean Sky 2, T-71/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:567, punt 78).

129 Fil-fatt, il-perizja annessa mar-rikorsi, sa fejn din tinkludi valutazzjoni ta' Banco Popular ibbażata fuq l-ipoteżi ta' impriża operattiva distinta minn dik użata fil-valutazzjoni 3, ma tistax iċċaħħad mill-plawżibbiltà l-ipoteżijiet mressqa mill-uffiċċju evalwatur f'din il-valutazzjoni.

130 Minn dan isegwi li t-tieni lment għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, dwar l-indipendenza tal-uffiċċju evalwatur

131 Fir-rikorsi, ir-rikorrenti jsostnu li s-SRB kiser l-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014 sa fejn ma żgurax b'mod suffiċjenti l-indipendenza tal-uffiċċju evalwatur. Huma jsostnu li, peress li l-uffiċċju evalwatur kien ġie inkarigat bil-valutazzjoni 2, huwa leġittimu li jiġi ddubitat li huwa seta' jitbiegħed, fil-valutazzjoni 3, mill-kriterji u mill-konklużjonijiet tal-valutazzjoni 2 fir-rigward tal-analiżi tad-differenza fit-trattament. Huma josservaw li parti kbira mill-valutazzjoni 3 issegwi l-valutazzjoni 2.

132 Waqt is-seduta, bi tweġiba għal mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti speċifikaw il-portata tal-argument tagħhom. Ir-rikorrenti ammettew li l-valutazzjoni 3 u s-simulazzjoni ta' xenarju ta' stralċ inkluż fil-valutazzjoni 2 kienu bbażati fuq data differenti, iżda huma rrilevaw li l-konklużjoni li wasal għaliha l-uffiċċju evalwatur kienet l-istess, jiġifieri li l-azzjonisti u l-krediturі affettwati ma kellhomx dritt għal kumpens għad-danni. Huma indikaw li, fil-valutazzjoni 3, l-uffiċċju evalwatur kien uża l-istess metodoloġija bħal fit-tieni parti tal-valutazzjoni 2 li kien fiha simulazzjoni ta' xenarju ta' stralċ, jiġifieri li kien wettaq valutazzjoni tal-assi abbażi ta' portafolli u mhux bħal fil-każ ta' impriża operattiva. Huma qiesu li Banco Popular kien ikollha valur għoli ħafna li kieku kienet ġiet ivvalutata bħala impriża operattiva.

133 Għalhekk, mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrenti waqt is-seduta jirriżulta li huma jsostnu li huwa possibbli li tiġi ddubitata l-indipendenza tal-uffiċċju evalwatur sa fejn dan tal-aħħar, fil-valutazzjoni 3, evalwa l-assi ta' Banco Popular skont l-istess metodu bħal dak użat fis-simulazzjoni tax-xenarju ta' stralċ inkluż fil-valutazzjoni 2, jiġifieri skont xenarju kontrofattwali ta' stralċ.

134 Issa, mill-analiżi tal-ewwel parti jirriżulta li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet applikabbli u tas-sitwazzjoni ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni, l-istima tat-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-krediturі affettwati li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza setgħet titwettaq biss abbażi ta' xenarju ta' stralċ u li valutazzjoni bħala impriża operattiva ma kinitx possibbli.

135 Minn dan isegwi li kwalunkwe evalwatur ieħor li seta' nħatar mis-SRB sabiex iwettaq il-valutazzjoni 3 seta' juża biss l-istess metodu.

136 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux isostnu b'mod validu li l-fatt li l-uffiċċju evalwatur uża l-istess metodu fil-valutazzjoni 2 u 3, jiġifieri valutazzjoni ta' Banco Popular abbażi ta' xenarju ipotetiku ta' stralċ, huwa ta' natura li jistabbilixxi nuqqas ta' indipendenza tiegħu.

137 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda u, għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ stabbilit mill-Artikolu 41(2) tal-Karta

138 Ir-rikorrenti jsostnu li, għalkemm is-SRB effettivament ippermetta lill-azzjonisti u lill-krediturі affettwati jifformulaw kummenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, huwa llimita d-dritt għal smigħ tagħhom billi impona formola li tinkludi seba' mistoqsijiet restrittivi bi spazji ta' tweġiba limitati. Huma jsostnu li s-SRB osserva biss fl-apparenza l-obbligu tiegħu li jisma' lill-azzjonisti u l-krediturі affettwati qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-fatt li wieħed ikollu jwieġeb permezz ta' formola ppreparata mis-SRB u adattata għall-interessi tiegħu jostakola l-eżerċizzju utli tad-dritt għal smigħ.

139 Huma jqisu li l-formola stabbilita mis-SRB ma kinitx tippermetti li jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet u li l-fatt li huma kellhom il-possibbiltà li jippreżentaw kwalunkwe osservazzjoni supplimentari fir-rigward tad-deċiżjoni preliminari f'massimu ta' 5 000 karattru ma kienx jippermetti analiżi kritika tal-valutazzjoni 3 u tad-deċiżjoni preliminari, iktar u iktar peress li ma kienx possibbli li jiġu mehmuża dokumenti.

140 Hemm lok li jitfakkar li l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jipprevedi fi d-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kontrihom miżura individwali li tolqothom b'mod sfavorevoli.

141 Id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwa l-interessi tagħha b'mod sfavorevoli. Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li d-dritt għal smigħ għandu għan doppju. Minn naħa, iservi għall-istruzzjoni tal-fajl u għall-istabbiliment tal-fatti bil-mod l-iktar preċiż u korrett possibbli u, min-naħa l-oħra, jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-persuna kkonċernata. Id-dritt għal smigħ huwa intiż b'mod partikolari sabiex jiggarantixxi li kull deċiżjoni li tikkawża preġudizzju tiġi adottata b'għarfien sħiħ tal-fatti u għandu b'mod partikolari l-għan li jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkoreġi żball jew li l-persuna kkonċernata ssostni l-elementi relatati mas-sitwazzjoni personali tagħha li jimmilitaw favur li d-deċiżjoni tittieħed, ma tittiħidx jew li jkollha kontenut partikolari (ara s-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2021, Parlement vs UZ,

C-894/19 P, EU:C:2021:863, punti 89 u 90 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 325 u l-ġurisprudenza ċċitata).

142 Bħalma jirriżulta mill-formulazzjoni tagħha stess, din id-dispożizzjoni hija ta' applikazzjoni ġenerali. Minn dan isegwi li d-dritt għal smigħ għandu jiġi rrispettat f'kull proċedura li tista' twassal għal att li jikkawża preġudizzju, anki meta l-leġiżlazzjoni applikabbli ma tipprevedix espressament tali formalità (ara s-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 326 u l-ġurisprudenza ċċitata).

143 Fid-dawl tan-natura tiegħu ta' prinċipju fundamentali u ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, l-applikazzjoni tal-prinċipju tad-drittijiet tad-difiża, li jinkludu d-dritt għal smigħ, la tista' tiġi eskluża u lanqas ristretta minn dispożizzjoni leġiżlattiva u l-osservanza tagħha għandha għalhekk tiġi żgurata kemm fl-assenza totali ta' leġiżlazzjoni speċifika kif ukoll fil-preżenza ta' leġiżlazzjoni li ma tiħux inkunsiderazzjoni hija stess l-imsemmi prinċipju (ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 327 u l-ġurisprudenza ċċitata).

144 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Nru 806/2014 ma jipprevedix proċedura speċifika intiża sabiex l-azzjonisti u l-kredituri affettwati minn miżura ta' riżoluzzjoni jinstemgħu qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li jingħatalhom jew le kumpens għad-danni skont l-Artikolu 76(1)(e) ta' dan ir-regolament.

145 Issa, f'dan il-każ, is-SRB organizza proċedura dwar id-dritt għal smigħ, skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, miftuħa għall-azzjonisti u l-kredituri kollha affettwati mir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular u intiża sabiex tippermettilhom jippreżentaw kummenti dwar il-valutazzjoni 3 u d-deċiżjoni preliminari qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

146 F'dan ir-rigward, għalkemm, kif tfakkar fil-punt 144 iktar 'il fuq, ir-rispett tad-dritt għal smigħ għandu jiġi żgurat anki fl-assenza ta' leġiżlazzjoni li tipprevedi espressament l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, xorta jibqa' l-fatt li la r-Regolament Nru 806/2014 u lanqas l-Artikolu 41 tal-Karta ma jipprevedu proċedura speċifika sabiex jiġi implimentat id-dritt għal smigħ. Is-SRB kellu għalhekk marġni ta' diskrezzjoni sabiex jorganizza l-proċedura li huwa jqis xierqa sabiex jippermetti lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati jeżerċitaw id-dritt għal smigħ tagħhom, bil-kundizzjoni li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom b'mod effettiv u utli.

147 Għalhekk, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-proċedura dwar id-dritt għal smigħ, l-għażla tas-SRB li juża formola sabiex jiġbor il-kummenti tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati kienet taqa' taħt il-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni ta' din il-proċedura.

148 Ir-rikorrenti ma jikkontestawx li din il-proċedura kienet intiża sabiex tiggarantixxi dritt għal smigħ lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Huma ma jikkontestawx l-għażla tal-użu ta' formola bħala metodu ta' konsultazzjoni. Kif jirriżulta mill-punti 17 u 100 tar-rikors fil-Kawża T-302/20 u mill-punti 18 u 101 tar-rikorsi fil-Kawżi T-303/20 u T-307/20, huma jilmentaw li s-SRB irrestriġa l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal smigħ sa fejn din il-formola kienet tillimita l-kontenut u t-tul tal-kummenti li setgħu jiġu ppreżentati dwar il-valutazzjoni 3 u d-deċiżjoni preliminari u sa fejn għalhekk huma ma kellhomx "libertà totali" fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

149 Madankollu, l-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta li jipprovdi:

"Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."

150 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li d-drittijiet fundamentali, bħalma huma r-rispett tad-drittijiet tad-difiża, li jinkludi d-dritt għal smigħ, ma jidhrux bħala prerogattivi assoluti, iżda jistgħu jinvolvi xi restrizzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn jilħqu effettivament l-għanijiet ta' interess ġenerali intiżi mill-miżura inkwistjoni u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan imfittex, indħil sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti (ara s-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja Sistema dixxiplinari applikabbli għall-membri tal-ġudikatura), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 207 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 337 u l-ġurisprudenza ċċitata).

151 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura amministrattiva inkwistjoni biss jekk, fl-assenza tal-irregolarità mwettqa, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti (ara s-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-16 ta' Ġunju 2021, CE vs Il-Kumitat tar-Reġjuni, T-355/19, EU:T:2021:369, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

152 Ċertament, ma jistax jiġi impost fuq ir-rikorrent li juri li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet tkun differenti, iżda biss li tali ipoteżi ma hijiex eskluża totalment peress li din il-parti kienet tkun tista' tiddefendi ruħha aħjar li kieku ma kienx hemm l-irregolarità proċedurali (ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2022, CRIA u CCCMC vs Il-Kummissjoni, T-30/19 u T-72/19, EU:T:2022:266, punt 242 u l-ġurisprudenza ċċitata).

153 Madankollu, l-eżistenza ta' irregolarità f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tad-difiża tista' twassal għall-annullament tal-att ikkontestat biss sa fejn tkun teżisti possibbiltà li, minħabba din l-irregolarità, il-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti, b'tali mod li taffettwa konkretament id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent (ara s-sentenzi tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP, C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Mejju 2022, CRIA u CCCMC vs Il-Kummissjoni, T-30/19 u T-72/19, EU:T:2022:266, punt 243 u l-ġurisprudenza ċċitata).

154 Fil-kuntest tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ, deskritti fil-punti 16 sa 21 iktar 'il fuq, l-azzjonisti u l-krediturі affettwati li kienu jissodisfaw il-kriterji tal-fażi ta' reġistrazzjoni ntalbu jimlew formola disponibbli fis-sit internet tas-SRB u li kienet tinkludi disa' mistoqsijiet ġenerali, jiġifieri seba' mistoqsijiet prinċipali, fosthom mistoqsija waħda maqsuma fi tliet partijiet, li kienet tippermettilhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni preliminari kif ukoll dwar il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 3. B'mod partikolari, l-aħħar mistoqsija kienet mistoqsija miftuħa li kienet tippermettilhom jippreżentaw kummenti dwar kwalunkwe suġġett relatat mad-deċiżjoni preliminari li ma kienx diġà inkluż fil-formola.

155 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti u Aeris Invest jilmentaw li s-SRB ma eżaminax ċerti kummenti minħabba li huma "ma kinux jaqgħu taħt il-proċedura".

156 F'dan ir-rigward, taħt it-Titolu 6.1 "Evalwazzjoni tar-Rilevanza" tad-deċiżjoni kkontestata, is-SRB indika li, peress li l-azzjonisti u l-krediturі affettwati kienu qajmu ċertu numru ta' elementi li ma kinux relatati mad-deċiżjoni preliminari jew mar-raġunament li fuqu hija bbażata inkluż fil-valutazzjoni 3, huwa kien qabelxejn eżamina r-rilevanza ta' dawn il-kummenti. Huwa qies li tali kummenti ma setgħux jinfluwenzaw il-kwistjoni dwar jekk l-azzjonisti u l-krediturі affettwati kinux jirċievu trattament aħjar li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza, li kienu joħorġu mill-kuntest tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ u li ma kinux ser jittieħdu inkunsiderazzjoni.

157 Għalhekk, is-SRB elenka l-kummenti li huwa kien iqis bħala irrilevanti, fosthom dawk relatati mas-sitwazzjoni ta' Banco Popular qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni u mal-fatt li dawn ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-riżoluzzjoni, dawk relatati ma' elementi oħra tal-iskema ta' riżoluzzjoni u mal-valutazzjoni 2, dawk relatati man-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli ta' Banco Popular u dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ, u b'mod partikolari dwar il-karatteristiċi tal-formola.

158 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti u Aeris Invest, is-SRB eżamina l-kummenti kollha rċevuti u li huwa spjega, fid-deċiżjoni kkontestata, għal liema raġuni wħud minn dawn il-kummenti ma kinux rilevanti għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

159 Issa, għandu jiġi kkonstatat li la r-rikorrenti u lanqas Aeris Invest ma jindikaw liema kummenti miċħuda mis-SRB bħala irrilevanti kellhom jiġu eżaminati. Huma ma jispjegawx sa liema estent dawn il-kummenti, sa fejn la kienu jirrigwardaw il-valutazzjoni 3 u lanqas id-deċiżjoni preliminari, setgħu jinfluwenzaw il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

160 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li l-proċedura dwar id-dritt għal smigħ kienet intiża sabiex jinkisbu kummenti dwar id-deċiżjoni preliminari u l-valutazzjoni 3 sabiex is-SRB ikun jista' jadotta deċiżjoni dwar eventwali kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-krediturі affettwati. Konformement mal-Artikolu 20(17) tar-Regolament Nru 806/2014, imfakkar fil-punt 62 iktar 'il fuq, din id-deċiżjoni hija bbażata fuq paragun bejn it-trattament reali li l-azzjonisti u l-krediturі affettwati kienu s-suġġett tiegħu minħabba r-riżoluzzjoni u t-trattament li kienu jibbenefikaw minnu fil-kuntest ta' stralċ ipotetiku ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni.

161 Kif jirriżulta mill-punti 100 sa 104 iktar 'il fuq, is-sitwazzjoni ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni tikkostitwixxi element fattwali li ma jistax jiġi kkontestat fl-istadju tad-determinazzjoni tad-dritt għal eventwali kumpens abbażi tal-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014. Għaldaqstant, il-kummenti dwar is-sitwazzjoni ta' Banco Popular preċedenti għar-riżoluzzjoni ma kinux rilevanti għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

162 Għaldaqstant, is-SRB ma jistax jiġi kkritikat li kiser id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti minħabba li ċaħad kummenti irrilevanti.

163 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-formola mfassla mis-SRB ma kinitx tippermetti li jiġu indirizzati diversi suġġetti, bħall-approċċ metodoloġiku, l-indipendenza tal-evalwatur, il-preżunzjonijiet ifformulati mill-uffiċċju evalwatur, il-kuntest makroekonomiku, l-effett tal-istralċ ta' Banco Popular fuq il-kumpanniji l-oħra tal-grupp u l-portata tar-riżervi għal riskji legali.

164 Issa, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li s-suġġetti msemmija mir-rikorrenti kienu koperti mill-mistoqsijiet li jinsabu fil-formola. Fil-fatt, il-mistoqsija Nru 1 kienet tirreferi għall-punti tad-deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw il-metodoloġija użata fil-valutazzjoni 3; il-mistoqsija Nru 3 kienet tirreferi għall-punt 3.2 tad-deċiżjoni preliminari li tikkonċerna r-reklutaġġ tal-uffiċċju evalwatur u b'mod partikolari l-indipendenza tiegħu; il-mistoqsija Nru 4 kienet tikkonċerna espliċitament il-preżunzjonijiet ifformulati mill-uffiċċju evalwatur; il-mistoqsija Nru 6 kienet tikkonċerna r-riżervi għal riskji legali. Il-mistoqsija Nru 7 kienet mistoqsija miftuħa li tippermetti lir-rikorrenti jindirizzaw il-kuntest makroekonomiku u l-impatt tal-istralċ ta' Banco Popular fuq il-kumpanniji l-oħra tal-grupp.

165 Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni kkontestata u mid-dokument ta' kjarifika jirriżulta li s-SRB u l-uffiċċju evalwatur analizzaw kummenti tal-azzjonisti u tal-krediturі affettwati dwar is-suġġetti msemmija mir-rikorrenti. Għaldaqstant, dawn tal-aħħar ma jistgħux jallegaw li l-formola ma tippermettix li dawn jiġu indirizzati.

166 F'dan ir-rigward, fir-rigward tad-dokument ta' kjarifika, il-punt 5.1 jindirizza l-kummenti dwar il-metodoloġija użata mill-uffiċċju evalwatur u b'mod partikolari għal dawk li jikkonċernaw l-ipoteżijiet adottati fil-valutazzjoni 3, il-punt 5.2 jindirizza l-kummenti dwar il-kuntest makroekonomiku, il-punt 5.3 jindirizza l-kummenti dwar l-istrateġija ta' stralċ ipotetika użata fil-valutazzjoni 3 u, b'mod partikolari, dwar ix-xenarji ipotetiċi differenti adottati, il-punt 5.11 jindirizza l-kummenti dwar ir-riżervi għal riskji legali u l-punt 5.3.4 jindirizza l-kummenti dwar l-impatt tal-istralċ ta' Banco Popular fuq is-sussidjarji tagħha. Fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata, it-Titolu 6.2.1 jindirizza il-"Kummenti dwar l-Indipendenza tal-Uffiċċju Evalwatur" u t-Titolu 6.2.2 jindirizza il-"Kummenti dwar il-Kontenut tal-Valutazzjoni 3", b'mod partikolari l-kummenti dwar il-metodoloġija użata mill-uffiċċju evalwatur u d-diversi ipoteżijiet adottati fil-valutazzjoni 3, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw ix-xenarji ta' stralċ. Pereżempju, taħt dan it-titolu, is-SRB jindirizza kummenti dwar ix-xenarju makroekonomiku, l-impatt tal-istralċ ta' Banco Popular fuq l-entitajiet l-oħra tal-grupp u r-riżervi għal riskji legali.

167 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li huma ma kinux f'pożizzjoni li jippreżentaw kummenti dwar suġġetti li ma kienu previsti minn ebda waħda mill-mistoqsijiet li jinsabu fil-formola u li kellhom impatt fuq id-deċiżjoni kkontestata.

168 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-formola ġiet redatta mis-SRB b'mod adattat għall-interessi tiegħu jew li kienet intiża li ssaħħaħ il-kriterji u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni 3.

169 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tista' biss tikkonstata li, fil-formola, il-mistoqsijiet kienu redatti b'mod newtrali fil-forma ta' preżentazzjoni qasira tas-suġġett ikkonċernat u ta' riferiment għall-partijiet tad-deċiżjoni preliminari jew tal-valutazzjoni 3 imsemmija, segwit minn stedina lill-azzjonisti u lill-krediturі affettwati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom jew l-opinjonijiet tagħhom dwar dan is-suġġett.

170 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti u Aeris Invest isostnu li s-SRB kiser id-dritt għal smigħ tagħhom billi llimita t-tul tal-kummenti tagħhom għal 5 000 karattru għal kull mistoqsija u billi ma ppermettiex li jiġu mehmuża dokumenti.

171 F'dan ir-rigward, fid-deċiżjoni kkontestata, is-SRB indika li 2 855 azzjonisti u krediturі affettwati kienu wieġbu għall-formola, li kienet tikkorrispondi għal madwar 23 822-il kumment.

172 Issa, il-kummenti ppreżentati mill-azzjonisti u mill-krediturі affettwati matul il-proċedura dwar id-dritt għal smigħ bi tweġiba għall-formola kienu s-suġġett ta' analiżi ddettaljata taħt it-Titolu 6 tad-deċiżjoni kkontestata u wasslu għall-adozzjoni mill-uffiċċju evalwatur tad-dokument ta' kjarifika. Għalhekk, minkejja li t-tul tal-kummenti kien limitat mill-formola, is-SRB u l-uffiċċju evalwatur wieġbu għalihom b'mod iddettaljat.

173 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jindikawx liema kienu l-kummenti, minbarra dawk li kienu tqajmu mill-azzjonisti u mill-krediturі affettwati matul il-proċedura relatata mad-dritt għal smigħ u li għalihom is-SRB u l-uffiċċju evalwatur kienu wieġbu, li huma kienu preklużi milli jsostnu minħabba d-daqs tal-formola. Huma lanqas ma jippreċiżaw liema huma d-dokumenti li xtaqu jkunu jistgħu jehmżu mal-formola.

174 Minn dan jirriżulta li l-argument tar-rikorrenti dwar il-limitazzjoni tat-tul tat-tweġibiet għall-formola huwa purament teoretiku u ma jistax jistabbilixxi b'mod suffiċjenti fid-dritt li, fin-nuqqas ta' tali limitu, il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti.

175 Fir-rigward tal-argument ta' Aeris Invest li ma kienx possibbli li jiġi ssuġġerit, bi tweġiba għall-formola, metodu alternattiv ta' valutazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa ineffettiv. Fil-fatt, l-għan tal-proċedura dwar id-dritt għal smigħ kien li jinġabru kummenti dwar id-deċiżjoni preliminari u l-valutazzjoni 3 li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni li kienet ser tiġi adottata mis-SRB. Issa, is-sempliċi preżentazzjoni ta' metodu ta' valutazzjoni alternattiv għal dak li jinsab fil-valutazzjoni 3 ma hijiex, fiha nnifisha, ta' natura li tqiegħed inkwistjoni l-validità ta' din tal-aħħar u lanqas, għaldaqstant, li taffettwa l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

176 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta

177 Ir-rikorrenti jsostnu li s-SRB kiser id-dritt għal rimedju effettiv, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn iddikjara kunfidenzjali partijiet essenzjali tal-valutazzjoni 3, li pprekludihom milli jippreżentaw dan ir-rikors bil-garanziji neċessarji u kiser id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Huma jilmentaw li s-SRB ħalla barra l-informazzjoni dwar ir-riżervi għal riskji legali li jinsabu fil-valutazzjoni 3.

178 Ir-rikorrenti jsostnu li ċ-ċirkustanzi li wasslu lis-SRB jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni jibqgħu mhux magħrufa u li s-SRB baqa' jħalli barra informazzjoni essenzjali għad-difiża tagħhom, fatt li obbligahom iwettqu perizja f'sitwazzjoni żvantaġġuża meta mqabbla mal-uffiċċju evalwatur, li seta' jikseb informazzjoni li ma saritx pubblika. Is-SRB huwa għalhekk f'pożizzjoni privileġġata meta mqabbel mar-rikorrenti u kiser il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

179 Is-SRB u l-Kummissjoni jsostnu li dan il-motiv huwa inammissibbli. Is-SRB iqis li r-rikorrenti jikkontestaw deċiżjonijiet distinti mid-deċiżjoni kkontestata u li huma irrilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura. Ir-Renju ta' Spanja jqis li dan il-motiv huwa bbażat fuq allegazzjoni ġenerali nieqsa minn ġustifikazzjoni.

180 Fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi li kull persuna li ġarrbet ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet tagħha li huma ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni għandha dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

jirriżulta li l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit minn din id-dispożizzjoni teżiġi, b'mod partikolari, li l-persuna kkonċernata tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u tiddeċiedi, b'għarfien sħiħ tal-fatti, jekk huwiex utli li tadixxi lill-qorti kompetenti b'azzjoni kontra entità partikolari (ara s-sentenza tad-29 ta' April 2021, Banco de Portugal *et* (C-504/19, EU:C:2021:335, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

181 Madankollu, kif imsemmi fil-punt 151, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-drittijiet fundamentali ma humiex prerogattivi assoluti iżda jistgħu jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet jilħqu effettivament għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-miżura inkwistjoni u bil-kundizzjoni li ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan segwit, indħil sproporzjonata u intollerabbli li jippreġudika l-essenza stess tad-drittijiet iggarantiti b'dan il-mod (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, UBS Europe *et* (C-358/16, EU:C:2018:715, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

182 Tali restrizzjonijiet jistgħu, b'mod partikolari, ikunu intiżi sabiex jipproteġu r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità jew ta' sigriet professjonali, li għalihom l-aċċess għal ċerta informazzjoni u għal ċerti dokumenti jista' jippreġudika (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, UBS Europe *et* (C-358/16, EU:C:2018:715, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

183 Fil-każ ta' kunflitt bejn, minn naħa, l-interess tal-persuna kkonċernata minn att li jikkawżalha preġudizzju li jkollha l-informazzjoni neċessarja sabiex tkun f'pożizzjoni li teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħha u, min-naħa l-oħra, l-interessi marbuta maż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni koperta mill-obbligu tas-sigriet professjonali, huma l-awtoritajiet jew il-qrati kompetenti li għandhom ifittxu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ, bilanċ bejn dawn l-interessi opposti (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, UBS Europe *et* C-358/16, EU:C:2018:715, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

184 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 88(5) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi:

"Qabel ma tiġi żvelata kwalunkwe informazzjoni, il-Bord għandu jiżgura li ma jkunx fiha informazzjoni kunfidenzjali, b'mod partikolari, billi jkunu valutati l-effetti li l-iżvelar jista' jkollu fuq l-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika, fuq l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, fuq l-iskop tal-ispezzjonijiet, fuq investigazzjonijiet u fuq l-awditi. Il-proċedura tal-verifika tal-effetti tal-iżvelar tal-informazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni speċifika tal-effetti ta' kwalunkwe żvelar tal-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif jingħad fl-Artikoli 8 u 9, tar-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 10 jew tal-iskema ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18."

185 L-ewwel, fir-rigward tan-nuqqas ta' żvelar ta' ċerta informazzjoni dwar ir-riżervi għal riskji legali li jinsabu fil-valutazzjoni 3, is-SRB, fid-deċiżjoni kkontestata, espona li, għall-finijiet tal-pubblikazzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 3, minn din tal-aħħar tħassret ċerta informazzjoni skont l-Artikolu 88(5) tar-Regolament Nru 806/2014, sabiex tiġi protetta informazzjoni kunfidenzjali dwar Banco Popular koperta mis-sigriet professjonali. Huwa rrileva li t-tħassir ta' informazzjoni kien limitat għal stimi u dikjarazzjonijiet individwali speċifiċi tal-punt 4.9 tal-valutazzjoni 3, dwar ir-riżervi għal riskji legali, iżda li l-informazzjoni dwar in-natura u s-sors ta' lmenti speċifiċi u dwar il-kisbiet stmati aggregati ma kinitx tneħħiet. Is-SRB ippreċiża li l-informazzjoni li tħassret ma kienet bl-ebda mod informazzjoni pubblika u kienet, sa ċertu punt, prospettiva u li l-iżvelar tagħha seta' jippreġudika d-drittijiet tad-difiża ta' Banco Popular fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji pendenti. Is-SRB indika li, abbażi tal-konsultazzjoni

ma' Banco Popular u wara li bbilanċja l-interessi tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati u l-obbligu tiegħu li ma jiżvelax informazzjoni koperta mis-sigriet professjonali, huwa kien ħassar ċerta informazzjoni limitata li tinsab fil-punt 4.9 tal-valutazzjoni 3.

186 Issa, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jikkontestawx l-evalwazzjoni tas-SRB li d-data mħassra dwar ir-riżervi għal riskji legali li jinsabu fil-valutazzjoni 3 kienet koperta mis-sigriet professjonali u kienet kunfidenzjali. Huma ma jikkontestawx l-obbligu tas-SRB li jipproteġi d-data kunfidenzjali li tirriżulta mill-Artikolu 88(5) tar-Regolament Nru 806/2014.

187 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jressqu l-ebda argument ta' natura li jistabbilixxi li l-interess tagħhom li jkollhom din l-informazzjoni għandu jipprevali fuq l-osservanza tas-sigriet professjonali u li d-data moħbija fil-valutazzjoni 3 dwar ir-riżervi għal riskji legali hija neċessarja sabiex tinftiehem id-deċiżjoni kkontestata jew l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

188 It-tieni, fir-rigward tal-argument dwar in-nuqqas ta' żvelar ta' ċerta informazzjoni dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jistabbilixxux liema hija l-informazzjoni li huma jikklassifikaw bħala "essenzjali".

189 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jispjegawx sa fejn informazzjoni dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni, dwar il-fajl relatat magħha jew dwar iċ-ċirkustanzi li wasslu għall-adozzjoni tagħha hija rilevanti għall-finijiet tal-kontestazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

190 Minn dan isegwi li l-argument tar-rikorrenti dwar il-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv għandu jiġi miċħud.

191 Fit-tieni lok, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, li jifforma parti integrali mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn huwa korollarju, bħal, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' kontradittorju, tal-kunċett stess ta' proċess ġust, jimplika l-obbligu li kull parti tiġi offruta opportunità raġonevoli biex tippreżenta l-kawża tagħha, inklużi l-provi tagħha, f'kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex fi żvantaġġ meta mqabbla mal-avversarju tagħha (ara s-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary, C-189/18, EU:C:2019:861, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlement u Il-Kunsill, C-348/20 P, EU:C:2022:548, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

192 Dan il-prinċipju għandu l-għan li jiżgura l-bilanċ proċedurali bejn il-partijiet fi proċedura ġudizzjarja, billi jiggarantixxi l-ugwaljanza tad-drittijiet u tal-obbligi ta' dawn il-partijiet f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni tal-provi u d-dibattitu kontradittorju quddiem il-qorti kif ukoll id-drittijiet għal azzjoni legali ta' dawn il-partijiet. Sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti marbuta ma' dan il-prinċipju, huwa importanti li l-partijiet ikunu jafu u jistgħu jiddibattu b'mod kontradittorju kemm il-punti ta' fatt, kif ukoll il-punti ta' liġi li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċedura (ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

193 Issa, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li peress li l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma hijiex proċedura ġudizzjarja, iżda amministrattiva, u peress li s-SRB ma jikkostitwixxix qorti fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli

f'dan il-każ u r-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet (ara, bħala analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, Deza vs ECHA, T-115/15, EU:T:2017:329, punt 213).

194 Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw li huma kellu jkollhom l-istess informazzjoni bħall-uffiċċju evalwatur sabiex iwettqu valutazzjoni minn espert. Fil-fatt, valutazzjoni mwettqa minn espert maħtur mir-rikorrenti ma hijiex prevista mir-Regolament Nru 806/2014 u r-riżultat tagħha ma jistax jiġi impost fuq is-SRB. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw ugwaljanza fit-trattament bejn l-uffiċċju evalwatur u l-esperti tagħhom fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali u minn dan ma jistgħux jaslu għall-konklużjoni li s-SRB jinsab f'sitwazzjoni privileġġata fil-konfront tagħhom f'din il-proċedura.

195 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà stabbilit mill-Artikolu 17 mill-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB

196 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser id-dritt għall-proprjetà tal-ex azzjonisti ta' Banco Popular sa fejn huma ma rċevewx kumpens ġust għat-telf tagħhom. Huma jsostnu li l-ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom ma kienx josserva r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 17 tal-Karta, sa fejn dan ma kienx previst fil-"każijiet u kundizzjonijiet previsti minn liġi". Huma jqisu li, minkejja li l-liġi tipprevedi d-dritt li jirċievu kumpens ġust, huma dan ma rċevewhx, filwaqt li l-perizja annessa mar-rikorsi turi li l-ex azzjonisti ta' Banco Popular kienu jibbenefikaw minn trattament aħjar fi proċedura normali ta' insolvenza minn dak li kienu suġġetti għalih fil-kuntest tar-riżoluzzjoni. Ir-rikorrenti jqisu li, mingħajr il-ħlas ta' somma raġonevolment relatata mal-valur tal-proprjetà, iċ-ċaħda ta' proprjetà tikkostitwixxi ksur tad-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB.

197 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 17(1) tal-Karta jipprevedi:

"Kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku."

198 Il-prinċipju li jipprovdi li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar, previst fl-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014, jipprevedi li l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar minn dak li kien iġarrab li kieku l-entità li kienet is-suġġett ta' miżura ta' riżoluzzjoni kienet ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza.

199 Jekk, wara l-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014, jiġi stabbilit li l-azzjonisti jew il-krediturі ġarrbu telf ikbar fil-kuntest tar-riżoluzzjoni minn dak li kienu jġarrbu waqt stralċ skont proċedura normali ta' insolvenza, l-Artikolu 76(1)(e) tal-istess regolament jipprevedi li s-SRB jista' jirrikorri għas-SRF sabiex jikkumpensahom għad-danni.

200 Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 806/2014 jistabbilixxi mekkaniżmu intiż li jiggarantixxi lill-azzjonisti jew lill-krediturі tal-entità suġġetta għal riżoluzzjoni kumpens ġust konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 17(1) tal-Karta (sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 415).

201 F'dan il-każ, sabiex jiġi stabbilit eventwali ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom li jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti għandhom juru li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkluda, abbażi tal-valutazzjoni 3, li l-azzjonisti u l-krediturifettwati ta' Banco Popular ma kinux ikunu ttrattati aħjar fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza milli fil-kuntest tar-riżoluzzjoni.

202 Issa, miċ-ċaħda tal-ewwel erba' motivi jirriżulta li r-rikorrenti ma stabbilixxewx l-eżistenza ta' tali żball.

203 Aeris Invest ma tistax validament issostni li s-SRB kiser l-Artikolu 17 tal-Karta sa fejn il-valur tal-kumpens għad-danni abbażi tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar ġie kkalkolat abbażi tal-agħar xenarju possibbli għall-azzjonisti, jiġifieri proċedura ta' stralċ ta' Banco Popular. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jitfakkar li mill-analiżi tal-ewwel parti tal-ewwel motiv jirriżulta li l-applikazzjoni ta' xenarju kontrofattwali ta' stralċ hija konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli.

204 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ħames motiv, ir-rikorrenti sempliċement isostnu li l-perizja annessa mar-rikorsi tistabbilixxi li l-azzjonisti u l-krediturifettwati kienu jkunu bbenefikaw minn trattament aħjar fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza minn dak li kienu suġġetti għalih fil-kuntest tar-riżoluzzjoni.

205 Issa, f'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-perizja annessa mar-rikorsi, sa fejn din tinkludi valutazzjoni ta' Banco Popular bħala impriża operattiva, ma hijiex rilevanti peress li hija bbażata fuq l-ipoteżi żbaljata li Banco Popular setgħet tkompli bl-attivitajiet tagħha. Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, dan ir-rapport ma jistax jistabbilixxi li, fix-xenarju kontrofattwali ta' stralċ skont proċedura normali ta' insolvenza, il-krediturita' Banco Popular kienu jibbenefikaw minn trattament aħjar milli fil-kuntest tar-riżoluzzjoni u li minn dan kienet tirriżulta differenza fit-trattament li teħtieġ kumpens għad-danni.

206 Barra minn hekk, Aeris Invest issostni li, sabiex jiġi ddeterminat jekk kumpens għad-danni huwiex suffiċjenti fis-sens tal-Artikolu 17 tal-Karta, għandha tiġi eżaminata s-sistema ta' kumpens kif prevista mir-Regolament Nru 806/2014 fl-intier tiegħu. Minn naħa, l-Artikolu 20(11) u (12) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprevedi kumpens ikkalkolat abbażi tal-valur nett tal-assi, wara valutazzjoni definittiva, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 20(16) u l-Artikolu 76(1)(e) tal-istess regolament jipprevedu kumpens għad-danni abbażi tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar. Dawn huma żewġ stadji addizzjonali u l-kumpens abbażi tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar ma jkunx komplet mingħajr kumpens ikkalkolat abbażi tal-valur nett tal-assi. Issa, f'dan il-każ, is-SRB eskluda l-possibbiltà ta' tali kumpens, fid-dawl tal-għodda ta' riżoluzzjoni użata.

207 Kif jirrileva s-SRB, dan l-argument ta' Aeris Invest huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament Nru 806/2014. L-Artikolu 20(12) tar-Regolament Nru 806/2014 ma jistabbilixxix mekkaniżmu ta' kumpens għad-danni, iżda jipprevedi emenda tal-miżuri ta' riżoluzzjoni jekk il-valutazzjoni *ex post* imwettqa abbażi tal-Artikolu 20(11) tal-istess regolament twassal għal riżultat differenti minn dak tal-valutazzjoni provviżorja. Il-kumpens għad-danni skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-miżuri previsti fl-Artikolu 20(12) tal-istess regolament għandhom għanijiet differenti u ma jikkostitwixxux miżuri komplementari.

208 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju, li hija l-għodda ta' riżoluzzjoni li ġiet adottata fir-rigward ta' Banco Popular, ma tagħmilx parti mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 20(12) tar-Regolament Nru 806/2014 li fihom kumpens jista' jitħallas wara valutazzjoni definittiva *ex post* (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Aeris Invest vs SRB, C-874/19 P, EU:C:2021:1040, punt 81, u tal-21 ta' Diċembru 2021, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs SRB, C-934/19 P, EU:C:2021:1042, punt 92).

209 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li Aeris Invest ma tispjegax sa fejn l-assenza ta' valutazzjoni definittiva *ex post* skont l-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014 kienet ta' natura li tbiddel l-evalwazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata dwar l-assenza ta' kumpens għad-danni abbażi tad-differenza fit-trattament previst mill-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014.

210 Konsegwentement, dan l-argument ma jistax jaffettwa l-validità tad-deċiżjoni kkontestata u huwa ineffettiv.

211 Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li ssostni Aeris Invest, il-kalkolu ta' kumpens għad-danni eventwali ma sarx f'data sussegwenti ferm 'il bogħod mill-esproprjazzjoni. Fil-fatt, skont l-Artikolu 20(18) tar-Regolament Nru 806/2014, l-uffiċċju evalwatur, fil-valutazzjoni 3, telaq mill-ipoteżi li Banco Popular kienet ser tkun suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza fil-mument li fih l-iskema ta' riżoluzzjoni ġiet adottata, li kieku din ma kinitx ġiet eżegwita. Għaldaqstant, l-uffiċċju evalwatur ma bbażax ruħu fuq valur ta' Banco Popular wara r-riżoluzzjoni.

212 Għaldaqstant, ir-rikorrenti u Aeris Invest ma wrewx li d-deċiżjoni tas-SRB li ma jingħatalhomx kumpens għad-danni skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014 tikkostitwixxi ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom.

213 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-talba għal miżuri istruttorji

214 Ir-rikorrenti, fir-rikorsi tagħhom u b'risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, talbu lill-Qorti Ġenerali tadotta miżura istruttorja, skont l-Artikolu 88(1) tar-Regoli tal-Proċedura, intiża għas-smigħ tal-awtur tar-perizja annessa mar-rikorsi.

215 Fir-rigward tat-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew għal miżuri istruttorji mressqa minn parti f'kawża, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali hija l-unika li tista' tiddeċiedi dwar in-neċessità eventwali li tiġi kkompletata l-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-kawżi quddiemha (ara s-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2021, Liaño Reig vs SRB, C-947/19 P, EU:C:2021:172, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni, T-570/17, EU:T:2022:314, punt 435 u l-ġurisprudenza ċċitata).

216 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, anki fejn talba għal eżami ta' xhud, ifformulata fir-rikors, tindika preċiżament l-fatti li fuqhom, u r-raġunijiet li għalihom, xhud għandu jinstema', hija l-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa r-rilevanza tat-talba għas-suġġett tat-tilwima u l-bżonn li jiġi jinstema' l-imsemmi xhud (ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017,

Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni, C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 118 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-22 ta' Ottubru 2020, Silver Plastics u Johannes Reifenhäuser vs Il-Kummissjoni, C-702/19 P, EU:C:2020:857, punt 29).

217 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi rrilevat li l-elementi inklużi fil-proċess kif ukoll l-ispjegazzjonijiet mogħtija matul is-seduta huma suffiċjenti sabiex jippermettu lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi, wara li din tal-aħħar tkun tista' tiddeċiedi b'mod utli fuq il-bażi tal-konklużjonijiet, ir-raġunijiet u l-argumenti żviluppati matul il-kawża u fid-dawl tad-dokumenti ppreżentati mill-partijiet.

218 Minn dan isegwi li t-talba għal miżuri istruttorji tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda kif ukoll ir-rikors fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

219 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mis-SRB, kif mitlub minn dan tal-aħħar.

220 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Ir-Renju ta' Spanja għandu għalhekk ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

221 Skont l-Artikolu 138(3) tal-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li intervenjent, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu. F'dan il-każ, Aeris Invest, li intervjeniet insostenn tar-rikorrenti fil-Kawża T-302/20, għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikorsi huma miċħuda.**

2) **Fil-Kawża T-302/20, Antonio Del Valle Ruíz u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness, fil-Kawża T-303/20, José María Arias Mosquera u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness u, fil-Kawża T-307/20, Calatrava Real State 2015, SL, huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB).**

3) **Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.**

4) **Aeris Invest Sàrl għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

van der Woude De Baere Steinfatt

Kecsmár Kingston

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-22 ta' Novembru 2023.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 2

It-talbiet tal-partijiet 6

Id-dritt 7

Fuq l-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014 9

Fuq it-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014 10

Fuq l-ewwel parti, dwar id-determinazzjoni tax-xenarju kontrofattwali 11

– Fuq l-ewwel ilment, intiż sabiex jikkontesta l-użu ta' xenarju ta' stralċ 11

– Fuq it-tieni lment, intiż sabiex jikkontesta t-trasferiment tal-assi b'mod individwali jew permezz ta' portafolli 15

Fuq it-tieni parti, dwar l-indipendenza tal-uffiċċju evalwatur 20

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ stabbilit mill-Artikolu 41(2) tal-Karta . 21

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta 26

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà stabbilit mill-Artikolu 17 mill-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB 29

Fuq it-talba għal miżuri istruttorji 31

Fuq l-ispejjeż 32